



Il-Kummissjoni
Ewropea

PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

Dwar l-Indirizzar tal-
Mibegħda fis-Soċjetà




Il-manuskritt tlesta f'Ottubru 2024

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.


© L-Unjoni Ewropea, 2024



Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>).

Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Print ISBN 978-92-68-21049-9 doi:10.2775/4986810 NA-01-24-004-MT-C
PDF ISBN 978-92-68-21048-2 doi:10.2775/2445870 NA-01-24-004-MT-N



PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

**Dwar l-Indirizzar tal-
Mibegħda fis-Soċjetà**



Werrej

Sommarju eżekuttiv	5
1. Introduzzjoni	10
2. Qafas metodoloġiku	12
2.1. Għażla aleatorja u kompożizzjoni demografika tal-panel	12
2.2. Il-vjaġġ tal-panel	15
2.3. Metodi tal-parteċipazzjoni	15
2.4. Riżultati Kollettivi	17
2.5. Governanza u għarfien	17
2.6. Osservaturi	20
3. Twessigħ tal-involviment	22
3.1. Il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini	22
3.2. Strateġija ta' komunikazzjoni	22
4. Rakkomandazzjonijiet taċ-Ċittadini	26
4.1. Definizzjoni tal-problema u rakkomandazzjonijiet	26
4.2. 21 rakkomandazzjoni biex tiġi indirizzata l-mibegħda fis-soċjetà tagħna	27
Rakkomandazzjoni 1: Ewropa Waħda, Definizzjoni Waħda: Kriminalizzazzjoni tad-Diskors ta' Mibegħda	27
Rakkomandazzjoni 2: Protokoll Ewropew għal Rispons Effettiv għan-Notifiki ta' Reati ta' Mibegħda	27
Rakkomandazzjoni 3: Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Mibegħda fl-Istati Membri	28
Rakkomandazzjoni 4: Taħriġ għat-Tolleranza (T4T)	28
Rakkomandazzjoni 5: Żieda tas-Sensibilizzazzjoni dwar il-Mibegħda u l-Miżuri u r-Rimedji Eżistenti biex tiġi Miġġielda Permezz ta' Kampanja Pubblika	29
Rakkomandazzjoni 6: Għajnuna fir-Reklami Kontra l-Mibegħda	30
Rakkomandazzjoni 7: Ħolqien ta' Pjattaforma għall-UE kollha li Tgħaqqad l-Infommazzjoni, ir-Riżorsi, il-Miżuri u s-Sistemi ta' Appoġġ Rigward il-Mibegħda	31
Rakkomandazzjoni 8: Stabbiliment ta' Kumitat ta' Fiduċja indipendenti	32
Rakkomandazzjoni 9: Affidabbiltà, Fatti u Trasparenza: Verifika u Kjarifika tal-Finanzjament tal-Infommazzjoni	32
Rakkomandazzjoni 10: L-Ewropa Tiltaqa' Miegħek: Media Parteċipattiva għaċ-Ċittadini	33


Rakkomandazzjoni 11: Nifqgħu l-Bużżeqqa: Nipromwovu Perspettivi Diversi fuq il-Media Soċjali	33
Rakkomandazzjoni 12: Indirizzar tal-anonimità online biex tiġi indirizzata l-mibegħda	34
Rakkomandazzjoni 13: Karta tal-UE għan-Navigazzjoni Sikura	34
Rakkomandazzjoni 14: Moderazzjoni bl-IA: Protezzjoni tal-Media Soċjali mid-Diskors ta' Mibegħda	34
Rakkomandazzjoni 15: Tixrid ta' Kultura ta' Dibattitu fl-Iskejjel Ispirata mill-Panel taċ-Ċittadini	35
Rakkomandazzjoni 16: Tisħiħ tal-Ħiliet Soċjali u Emozzjonali tat-Tfal u ż-Żgħażaġħ għall-Prevenzjoni tal-Mibegħda	36
Rakkomandazzjoni 17: Edukazzjoni għal Kull Ġenerazzjoni għal Kull Nazzjon dwar il-Komunikazzjoni mhux Vjolenti	36
Rakkomandazzjoni 18: Ħolqien ta' Panels taċ-Ċittadini Ewropej għaż-Żgħażaġħ (Etajiet 16-25) għall-Indirizzar tal-Mibegħda	37
Rakkomandazzjoni 19: Żvilupp ta' Servizzi Ċiviċi Volontarji fil-Komunitajiet Lokali għall-Adulti	37
Rakkomandazzjoni 20: Għajjuna għar-Ritorn lejn it-Tifsira tal-Ħajja	37
Rakkomandazzjoni 21: Infittxu n-Nies: Indirizzar tal-Inugwaljanza Soċjali għall-Ġlieda kontra l-Mibegħda fl-UE	38

Sommarju eżekuttiv

PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ: KIF JAHDDEM?



KRITERJI TAL-GĦAŻLA GĦAL GRUPP LI JIRRIFLETTI D-DIVERSITÀ TAL-UE



PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ
NINDIRIZZAW IL-MIBEGĦDA FIS-SOĊJETA

X'NISTGĦU NAGĦMLU DWAR IL-MIBEGĦDA U KIF NISTGĦU NSAĦĦU R-RISPETT REĊIPROKU FIS-SOĊJETAJIET TAGĦNA?

PANEL TAČ-ĊITTADINI: IS-SESSJONIJIET

PLENARJA




FAĊILITATORI U MODERATORI

- Ċittadini ggwidati permezz ta' diskussjonijiet fit-3 sessjoni kollha
- Diskussjonijiet moderati fi gruppi żgħir u plenarji



OSSERVATORI


- Xi riċerkaturi, ġurnalisti, u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata osservaw il-ħidma tal-panels



BORD TA' TMEXXIJA

- Magħmul mill-Kummissjoni Ewropea, Tim ta' Deliberazzjoni (professjonisti li jakkumpanjaw it-tfassil, il-metodoloġija u l-moderazzjoni) u timijiet inkarigati mill-organizzazzjoni Prattika
- Fassal, organizza, issorvelja u mexxa l-Panel taċ-Ċittadini

GRUPPI TA' ĦIDMA



INTERPRETI

- Ikopru l-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE



KUMITAT TAL-GĦARFIEN

- Madwar 8 esperti esterni u expert wieħed tal-Kummissjoni
- Skambju ta' għarfien u kompetenza esperta
- Ta sehemu għall-abbozzar ta' Kit ta' Informazzjoni u għall-verifika tal-fatti
- Għen fl-istrutturar tad-deliberazzjonijiet u l-identifikazzjoni tal-kelliema



SESSJONI 1



SESSJONI 2



SESSJONI 3



RAKKOMANDAZZJONIJIET



TRASFERIMENT

- l-ċittadini jgħaddu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea



SEGWITU U FEEDBACK

- Il-Kummissjoni Ewropea tintegra r-rakkomandazzjonijiet fit-tfassil tal-politika tagħha

IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET



1 Ewropa Waħda, Definizzjoni Waħda: Kriminalizzazzjoni tad-diskors ta' mibegħda




2 Protokoll Ewropew għal rispons effettiv għan-notifiki ta' reati ta' mibegħda




3 Uffiċċju Nazzjonali għall-ġlieda kontra l-mibegħda fl-Istati Membri



4 Taħriġ għat-Tolleranza (T4T)



5 Żieda fis-Sensibilizzazzjoni dwar il-mibegħda u l-miżuri u r-mimedji eżistenti biex niġġilduha b'kampanja pubblika



6 Għajnuna tar-reklami kontra l-mibegħda



7 Ħolqien ta' pjattaforma madwar l-UE kollha li tgħaqqaq l-informazzjoni, ir-riżorsi, il-miżuri u s-sistemi ta' appoġġ rigward il-mibegħda




8 L-Istabiliment ta' Kumitat ta' Fiduċja Indipendenti



9 Affidabbiltà, Fatti u Trasparenza: Verifika u kjarifika tal-finanzjament tal-informazzjoni



10 L-Ewropa Tiltqa' Miegħek: Midja parteċipattiva għaċ-ċittadini




11 Niftħu għajnejn in-nies: Promozzjoni ta' perspettivi diversi dwar il-midja soċjali




12 Indirizzar tal-anonimità online biex tiġi miġġielda l-mibegħda




13 Karta ta' Surfing Sikura tal-UE



14 Moderazzjoni tal-IA: Protezzjoni tal-midja soċjali mid-diskors ta' mibegħda




15 Tixrid ta' kultura ta' dibattitu fl-iskejjel b'ispirazzjoni mill-Panels taċ-Ċittadini




16 Tisħiħ tal-ħiliet soċjali u emozzjonali tat-tfal u ż-żgħażaġh biex tiġi evitata l-mibegħda



17 Edukazzjoni għal kull ġenerazzjoni u għal kull nazzjoni dwar komunikazzjoni mhux vjolenti




18 Ħolqien ta' Panels taċ-Ċittadini Ewropej għaż-żgħażaġh (Etajiet bejn is-16 u l-25 sena) biex tiġi miġġielda l-mibegħda



19 Żvilupp ta' servizzi ċiviċi volontarji fil-komunitajiet lokali għall-adulti



20 Għajnuna għar-ritorn lejn is-sinjifikat tal-ħajja



21 Infittxu n-Nies: Indirizzar tal-inugwaljanza soċjali għall-ġlieda kontra l-mibegħda fl-UE



INTRODUZZJONI

1. Introduzzjoni

Fit-trattati fundaturi tagħha, l-Unjoni Ewropea naqqxet valuri bħar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi ⁽¹⁾. Il-forom kollha ta' mibegħda u intolleranza huma inkompatibbli ma' dawn id-drittijiet u l-valuri fundamentali. Dawn jimminaw id-demokrazija u l-koeżjoni tas-soċjetajiet tagħna. Madankollu l-Ewropa llum qiegħda tesperjenza żieda allarmanti fid-diskors ta' mibegħda u fir-reati ta' mibegħda. Għalkemm ma huwiex faċli li jinstabu ċifri eżatti dwar id-daqs tal-fenomeni tal-mibegħda, huwa wisq probabbli li dan huwa sottovalutat bil-kbir. Filwaqt li tirrikonoxxi dawn l-isfidi, l-UE diġà ħadet rwol attiv fl-implimentazzjoni ta' politiki biex tiġġieled kontra l-mibegħda fil-forom kollha tagħha u tfittex li żżid l-isforzi tagħha biex tiġġielidha.

Fis-6 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin adottaw Komunikazzjoni Konġunta bl-isem ta' "No place for hate: a Europe united against hatred" ⁽²⁾. Din il-Komunikazzjoni tappella għall-foqgħien ta' spazju miftuħ u pan-Ewropew għad-djalogu li jlaqqa' flimkien liċ-ċittadini minn madwar l-UE biex jiddiskutu modi biex nimxu mill-mibegħda u l-firda għat-tgawdija kondiviża tal-valuri Ewropej tagħna tal-ugwaljanza, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità.

Wara din is-sejħa, il-Kummissjoni Ewropea ħadet l-inizjattiva li torganizza Panel Ewropew taċ-Ċittadini dwar is-suġġett tal-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà matul l-ewwel nofs tal-2024. Dan il-panel laqqa' flimkien 150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju mis-27 Stat Membru tal-UE matul tliet sessjonijiet deliberattivi, li saru bejn il-5 u s-7 ta' April, bejn is-26 u t-28 ta' April u bejn is-17 u d-19 ta' Mejju, biex tingħata tweġiba għall-mistoqsija li ġejja: **"X'nistgħu nagħmlu dwar il-mibegħda u kif nistgħu ntejbu r-rispett reċiproku fis-soċjetajiet tagħna?"**.


Il-mibegħda u l-konsegwenzi tagħha huma suġġett kumpless. Dan jista' jvarja minn forom sottili ħafna għal dawk ħafna aktar espliċiti. Il-mibegħda tista' tibqa' sensazzjoni interna iżda tista' wkoll tirriżulta f'azzjonijiet vjolenti (bħal dawk xprunati minn ideoloġiji estremisti vjolenti). Din tista' tidher f'bosta forom: mill-abbuż verbali jew mill-insulti sal-bullying, il-fastidju, id-diżinformazzjoni li turi lill-minoranzi f'dawl skorrett u sfavorevoli, it-theddid jew is-sejħiet għall-vjolenza, sal-vjolenza fiżika, jew saħansitra l-qtil. Liċ-ċittadini li pparteċipaw f'dan il-panel, li kienu appoġġati minn materjal ta' informazzjoni, inputs tal-esperti u diskussjonijiet fil-plenarji u fil-gruppi ta' ħidma, identifikaw l-azzjonijiet ta' politika possibbli u l-partijiet ikkonċernati/partijiet rilevanti li għandhom jiġu involuti f'livelli differenti biex jindirizzaw il-mibegħda fis-soċjetajiet tagħna. Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà tagħna eventwalment ipproduċa u adotta 21 rakkomandazzjoni, li huma ppreżentati bis-sħiħ fl-Anness ta' dan ir-rapport.


Wara s-sessjonijiet tal-panel, iċ-ċittadini li pparteċipaw intalbu jimlew s'ħarrig ta' feedback bħala parti mill-evalwazzjoni tal-proċess. Partijiet minn dawn ir-riżultati tal-istħarriġ huma deskritti f'dan ir-rapport.

Il-passi ta' segwitu għal dawn il-21 rakkomandazzjoni se jiġu deskritti ulterjorment f'Rapport taċ-Ċittadini, dokument uffiċjali li se jiġi adottat mill-Kulleġġ tal-Kummissarji, flimkien ma' inizjattivi ta' politika futuri. Se jiġi organizzat ukoll avveniment ta' feedback biex dawn il-passi jiġu spjegati lill-parteċipanti tal-panel. Sadanittant, dan ir-rapport għandu l-għan li jiġbor fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin ta' dan il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej u li jiċċara l-qafas metodoloġiku tiegħu, il-mod kif ġew iffaċilitati d-dibattiti, l-outputs tat-tliet sessjonijiet, kif ukoll il-valutazzjoni tal-proċess li sar miċ-ċittadini.


⁽¹⁾ https://european-union.europa.eu/principles-countries-history/principles-and-values/founding-agreements_mt

⁽²⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023), Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – No place for hate: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda, JOIN(2023) 51 final (https://commission.europa.eu/document/c60c451c-ccd2-406a-be3a-ef65123f2bb6_mt).





QAFAS METODOLOĠIKU



2. Qafas metodoloġiku

2.1. Għażla aleatorja u kompożizzjoni demografika tal-panel

Sabiex jiġi żgurat approċċ ġust, konsistenti u affidabbli li jirrifletti bl-ogħla mod ir-rappreżentanza tad-diversità tas-soċjetà Ewropea, intużaw metodi ta' għażla aleatorja għar-reklutaġġ tal-parteċipanti fil-Panel taċ-Ċittadini Ewropej.


Ir-reklutaġġ twestaq minn Harris Interactive u Sortition Foundation. Harris wettqet ir-reklutaġġ ta' parteċipanti permezz ta' telefonati diġitali aleatorji. 245 persuna qablu li jieħdu sehem fil-panel li minnhom 150 intgħażlu b'mod aleatorju biex ikunu parti mill-panel abbażi ta' kriterji diversi (kif deskritt hawn taħt), filwaqt li 50 minnhom kienu jikkostitwixxu l-ewwel lista ta' riżerva taċ-ċittadini, f'każ ta' assenzi. Sortition Foundation ħadmet fuq il-foġkien tat-tieni lista ta' riżerva tal-parteċipanti, b'enfasi fuq ċittadini li normalment ma jkunux irrapreżentati biżżejjed, b'mod partikolari ż-żgħażaġh u ċ-ċittadini li jgħixu f'żoni b'introjtu baxx, permezz ta' metodu ta' reklutaġġ wiċċ imb wiċċ.

Tabella 1: Kompożizzjoni demografika tal-panel – oriġini nazzjonali

Pajjiż	Parteċipanti fil-Mira	Parteċipanti Attwali		
		Sessjoni 1	Sessjoni 2	Sessjoni 3
L-Awstrija	4	5	5	5
Il-Belġju	5	5	5	2
Il-Bulgarija	4	2	2	2
Il-Kroazja	2	2	2	2
Ċipru	2	1	1	1
Iċ-Ċekja	5	3	3	3
Id-Danimarka	3	3	3	3
L-Estonja	2	2	2	2
Il-Finlandja	3	3	3	3
Franza	15	15	14	15
Il-Ġermanja	19	19	19	19
Il-Greċja	5	5	4	4
L-Ungerija	5	6	6	6
L-Irlanda	3	3	3	2
L-Italja	15	15	15	15
Il-Latvja	2	2	2	2
Il-Litwanja	2	2	2	2
Il-Lussemburgu	2	2	2	2
Malta	2	2	2	2
In-Netherlands	6	7	7	7
Il-Polonja	10	9	9	9
Il-Portugall	5	5	5	5
Ir-Rumanija	7	6	6	6
Is-Slovakkja	3	3	3	3
Is-Slovenja	2	2	2	2
Spanja	12	13	13	13
L-Iżvezja	5	5	5	5
Total	150	147	145	145

It-tabella tipprovdi ħarsa ġenerali lejn in-numru mixtieq ta' ċittadini madwar l-Istati Membri tal-UE (kwoti tal-pajjiżi), kif ukoll il-parteċipanti attwali għal kull sessjoni. L-għan kien li l-Istati Membri jkunu rrappreżentati fi proporzjon mad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, iżda b'bilanċjati b'minimu ta' żewġ ċittadini għal kull pajjiż. Fi kliem ieħor, ġew stabbiliti miri għoljin għal pajjiżi b'popolazzjonijiet kbar bħall-Ġermanja (19-il ċittadin), filwaqt li ġew mistiedna żewġ ċittadini minn Malta u mil-Lussemburgu, u b'hekk jiġi applikat il-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva. B'mod ġenerali, l-attendenza kienet tajba u kienet tirrifletti b'mod wiesa' l-miri stabbiliti. Għal 22 mis-27 Stat Membru, l-għanijiet intlaħqu filwaqt li l-Istati Membri l-oħra kienu qrib ħafna tal-miri. B'mod ġenerali, mill-150 ċittadin rekrutati, 147 ħadu sehem f'tal-anqas waħda mit-tliet sessjonijiet.







Illustrazzjoni 1: Ir-riżultati tal-istħarriġ ta' feedback għall-mistoqsija "Qatt ħadt sehem fi proċess ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini qabel?" (n = 74)




Sabiex jiġi żgurat li l-Panel kien jirrifletti d-diversità tal-popolazzjoni tal-UE bl-aħjar mod possibbli, u biex ikun hemm ir-rappreżentazzjoni ta' gruppi li tradizzjonalment ma jkunux irrappreżentati biżżejjed, il-kwoti fil-mira għall-parteċipanti ġew definiti skont il-karatteristiċi soċjodemografiċi li ġejjin. L-ishma attwali ta' parteċipanti jirreferu għall-147 ċittadin li attendew għal tal-anqas waħda mis-sessjonijiet).



Illustrazzjoni 2: Numri fil-mira u parteċipanti attwali għal kull sessjoni skont ħames kriterji soċjodemografiċi



Illustrazzjoni 3: Riżultati tal-istħarriġ ta' feedback għall-mistoqsija "Taħseb li l-Panel taċ-Ċittadini rrappreżenta d-diversità tal-popolazzjoni tal-UE b'mod tajjeb?" (n=80)



2.2. Il-vjaġġ tal-panel

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà kien jikkonsisti fi tliet sessjonijiet b'għanijiet differenti – kull wieħed jibni fuq il-ħidma tas-sessjoni preċedenti bl-għan li jipproduċi b'kunsens sett ta' rakkomandazzjonijiet biex jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni Ewropea.

Fl-ewwel sessjoni (bejn il-5 u s-7 ta' April 2024, fuq il-post fi Brussell), il-parteċipanti ngħataw introduzzjoni għas-suġġett tal-mibegħda u setgħu jsiru jafu lil xulxin u jibnu sens ta' komunità u fiduċja. Huma rċewew inputs esperti inizjali u mbagħad intalbu jiġbru fatturi u kawżi differenti tal-mibegħda biex jiġi żviluppat fehim komuni tal-problema. Il-kelliema esterni qasmu xi testimonjanzi dwar l-esperjenzi tagħhom ta' mibegħda, li jippermettu li tinstab konnessjoni bejn il-ġrajjet tal-ħajja u r-riflessjonijiet usa' dwar kif għandha tiġi indirizzata l-mibegħda fis-soċjetà.

Minħabba n-natura sensitiva, emozzjonali u potenzjalment trawmatika tas-suġġett li kien qiegħed jiġi diskuss, inħatret persuna ta' fiduċja, il-Filosfa u l-Umanista tax-Xjenza Noga Arikha. Iċ-ċittadini ġew mistiedna jindirizzaw it-tfassib magħha jekk dan kien meħtieġ.

It-tieni sessjoni (bejn is-26 u t-28 ta' April 2024, online) iffokat fuq esplorazzjoni aktar profonda tal-kwistjoni. L-għan ewlieni tagħha kien li tħeġġeġ l-iskambju ta' ideat u perspettivi fost il-parteċipanti, tidentifika oqsma ta' kunsens u nuqqas ta' qbil, u tidentifika oqsma promettenti ta' azzjoni biex tibda tindirizza l-mibegħda fis-soċjetà tagħna. Grupp ta' ċittadini volontarji mill-gruppi ta' ħidma kollha ntgħażel b'mod aleatorju biex qabel it-tielet sessjoni jiġi żviluppat dokument li jiġbor fil-qosor il-fehma tal-panels dwar il-kawżi u l-fatturi tal-mibegħda, imsejjaħ id-"definizzjoni tal-problema".

It-tielet u l-aħħar sessjoni (bejn is-17 u d-19 ta' Mejju 2024, fuq il-post fi Brussell) kienet iddedikata għat-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-ideat u fuq l-għarfien miksubin fl-ewwel żewġ sessjonijiet u kienet appoġġata minn inputs esterni ulterjuri. Iċ-ċittadini li pparteċipaw eventwalment żviluppaw 21 rakkomandazzjoni biex tiġi indirizzata l-mibegħda fis-soċjetà, li ngħaddew lill-Kummissjoni Ewropea. Dawn huma ppreżentati bis-sħiħ fl-Anness ta' dan ir-rapport.

2.3. Metodi tal-parteċipazzjoni

2.3.1 Mill-plenarja sal-gruppi ta' ħidma

L-istruttura ta' kull sessjoni tfasslet biex tħeġġeġ l-interazzjonijiet fost il-parteċipanti u biex tiżgura li l-ilħna kollha jkunu jistgħu jinstemgħu. Filwaqt li tibni fuq metodoloġija ttestjata u żviluppata matul il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej preċedenti, il-Kummissjoni Ewropea, appoġġata minn tim ta' esperti mill-qasam tad-demokrazija deliberattiva (minn hawn 'il quddiem "it-tim ta' deliberazzjoni"), affermat mill-ġdid l-importanza li jiġu offruti formati differenti ta' deliberazzjoni.


Fl-ambjent tal-plenarja, iċ-ċittadini setgħu jisingħu l-kontribut tal-esperti, it-testimonjanzi tal-mistednin, u setgħu jippreżentaw lill-parteċipanti kollha r-riżultati




tad-diskussjonijiet tagħhom fil-grupp ta' ħidma, f'24 lingwa. L-ambjent tas-subplenarja pprova lill-parteċipanti opportunità li jaqsmu l-għarfien tagħhom ma' grupp iżgħar ta' 50 sa 75 parteċipant u li jirċievu feedback speċifiku minn diversi esperti. Il-gruppi ta' ħidma, li normalment kienu jinkludu 12-il parteċipant, kienu magħmula b'mod li ppermetta diversità ġeografika suffiċjenti, b'taħlita ta' pajjiżi akbar u iżgħar u b'massimu ta' ħames lingwi differenti. Dawn il-gruppi iżgħar ħeġġew l-interazzjonijiet u għenu li-ċittadini jsiru jafu lil xulxin aħjar u jibnu fiduċja. Hekk kif segwew prinċipju ewlieni tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej, il-parteċipanti kollha setgħu jtkellmu b'isien twelidhom, bl-għajjnuna tal-interpretazzjoni.

Illustrazzjoni 4: Riżultati tal-istħarriġ ta' feedback għall-mistoqsijiet “Fid-diskussjonijiet tal-grupp ta' ħidma ħassejtni rispettat ħafna” (1) (n=79) u “B'mod ġenerali, tħoss li l-opinjoni tiegħek kienet importanti fil-grupp ta' ħidma tiegħek?” (2) (n=79)


(1)



(2)



Illustrazzjoni 5: Riżultati tal-istħarriġ ta' feedback għall-mistoqsija “B'mod ġenerali, inti sodisfatt bl-esperjenza tiegħek fil-Panel taċ-Ċittadini?” (n=80)



2.3.2 Moderazzjoni u faċilitazzjoni

Tliet moderaturi ewlenin iggwidaw li-ċittadini fis-sessjonijiet kollha u mexxew id-diskussjonijiet plenarji. Ipprovdew informazzjoni dwar l-għan ġenerali tal-panel u l-metodoloġija tas-sessjonijiet, flimkien mal-aspetti organizzazzjonali. Dawn iffaċilitaw ukoll id-dibattiti bejn il-kelliema, żguraw li l-għarfien ġie pprovdut b'mod ġust u imparzjali matul id-diskussjonijiet u ffaċilitaw il-mistoqsijiet u t-tweġibiet bejn l-esperti u ċ-ċittadini. Barra minn hekk, għaqqdu r-riżultati kollha fil-plenarji finali ta' kull sessjoni. Il-moderaturi ewlenin kienu:

- Constantin Schäfer (ifok)
- Camille Dobler (Missions Publiques)
- Yves Mathieu (Missions Publiques).

Iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il grupp ta' ħidma, kull wieħed minnhom iffaċilitat u assistit minn żewġ membri mit-tim ta' deliberazzjoni: faċilitatur wieħed b'esperjenza u faċilitatur assistent wieħed. Ir-rwol tal-faċilitaturi kien li jmexxu d-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma, b'isien twelidhom jew bl-Ingliż, u li jippermettu fluss tax-xogħol bla xkiel billi:

- jistabbilixxu atmosfera ta' ħbiberija u rispett reċiprodu biex jipromwovu kontribut bilanċjat mill-parteċipanti kollha;
- jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkunu ġew infurmati dwar il-proċess ġenerali u jiggwidawhom fil-ħidma fi grupp;
- jiżguraw li jkunu ntlaħaq l-oġġettivi tas-sessjonijiet tal-grupp ta' ħidma, jiġifieri, l-iffaċilitar tal-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' qbil u ta' kunflitti bejn iċ-ċittadini u l-promozzjoni tal-ħolqien ta' dibattitu u ta' kunsens bejniethom;
- iżommu l-ħin, jieħdu n-noti u jikkonsolidaw l-outputs ta' deliberazzjoni f'dokumenti ta' ħidma multilingwi u interkonnessi;

- jgħaddu t-talbiet magħmula miċ-ċittadini fil-gruppi ta' ħidma lit-tim ta' appoġġ jew lill-esperti, eż., billi jiġbru kummenti jew mistoqsijiet pendenti;
- jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni mat-tim ta' deliberazzjoni.


Il-faċilitaturi u l-assistenti kollha segwew struzzjonijiet komuni pprovduti fi gwida ta' faċilitazzjoni u f'dokument ta' implimentazzjoni (wieħed għal kull sessjoni). Huma kienu involuti fi tliet laqgħat dedikati ta' ġbir ta' informazzjoni u ta' taħriġ qabel kull sessjoni.

2.4. Riżultati Kollettivi


Fuq medda ta' tliet sessjonijiet, iċ-ċittadini żviluppaw 21 rakkomandazzjoni għall-indirizzar tal-mibegħda fis-soċjetà ppreċeduti minn definizzjoni ta' problema. Dawn ir-riżultati jintwerew bis-sħiħ fl-Anness ta' dan ir-rapport. Għal fluss ta' qari aħjar, ir-rakkomandazzjonijiet huma ppreżentati f'ħames blokkoq tematiċi:

- Is-sistema ta' rispons għar-reati ta' mibegħda u għad-diskors ta' mibegħda;
- Ir-rwol tal-media u tal-politika;
- L-aspett diġitali u t-teknoloġija;
- L-edukazzjoni;
- Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-inklużjoni soċjali.

Illustrazzjoni 6: Riżultati tal-istħarriġ ta' feedback għall-mistoqsija "Taħseb li l-Panel taċ-Ċittadini kien jinkludi l-perspettivi tal-membri kollha tal-panel fir-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu?" (n=79)



Illustrazzjoni 7: Riżultati tal-istħarriġ ta' feedback għall-mistoqsija "Taħseb li r-rakkomandazzjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini se jkollhom impatt?" (n=80)



2.5. Governanza u għarfien

2.5.1 Kumitat ta' Tmexxija

Il-Kumitat ta' Tmexxija fassal, organizza u kkoordinat l-Panel taċ-Ċittadini Ewropej. Huwa ltaqa' darba fil-ġimgħa biex jiddeċiedi dwar kwistjonijiet kunċettwali u organizzazzjonali, inklużi aspetti metodoloġiċi, ta' komunikazzjoni, loġistiċi u baġitarji, filwaqt li żgura li l-proċess deliberattiv ikollu impatt fuq it-tfassil tal-politika. Il-Kumitat kien magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u konsorzju ta' kuntratturi.

Il-konsorzju ta' kuntratturi ħadmu flimkien biex ifasslu u jimplimentaw din il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Panels taċ-Ċittadini Ewropej. B'mod partikolari, ġabar flimkien esperti biex jgħinu fit-tfassil u fl-iffaċilitar tal-proċess deliberattiv, filwaqt li wessa' l-għarfien Prattiku tagħhom biex jikkuncettwalizzaw il-mandat tal-panel kif ukoll il-proċess parteċipattiv ġenerali u l-metodoloġija għal kull sessjoni u biex jstabilixxu l-Kumitat ta' Għarfien konsultattiv.

2.5.2 Kumitat ta' Għarfien

L-involvement ta' Kumitat ta' Għarfien magħmul minn esperti li jiġu minn oqsma varji (il-psikoloġija, l-edukazzjoni, il-ġurnaliżmu, il-lingwistika...) isaħħaħ l-integrità tal-proċess deliberattiv billi jiggarantixxi l-kwalità, l-oġġettività, id-diversità u l-komprensibbiltà tal-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini. Dawn għenu wkoll biex jiġu eżaminati r-riżultati u biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni minn sessjoni għall-oħrajn tkun strutturata b'mod li jagħmel id-deliberazzjonijiet jipprogressaw b'mod sinifikanti u abbażi tal-inputs taċ-ċittadini.

Ir-responsabbiltajiet tagħhom kienu jinkludu l-abbozzar ta' sett ta' informazzjoni għall-parteċipanti, il-kollaborazzjoni mal-Kumitat ta' Tmexxija dwar l-inputs fattwali tal-politika, l-identifikazzjoni ta' sinjali dgħajfa u ta' punti mhux viżibbli fid-diskussjonijiet, il-verifika tal-fatti, ir-rispons għall-mistoqsijiet taċ-ċittadini u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert tagħhom dwar is-suġġett tal-mibegħda fl-ambjenti tal-plenarja u tas-subplenarja. Il-Kumitat ta' Għarfien irrakkomanda wkoll diversi kelliema esterni biex jikkomplementaw l-għarfien tagħhom u ffaċilita l-inklużjoni ta' testimonjanzi diretti jew indiretti matul is-sessjonijiet.

Il-Kumitat ta' Għarfien kien magħmul minn tmien membri magħżulin mill-Kumitat ta' Tmexxija, abbażi tal-kriterji li ġejjin: għarfien espert li jkopri varjetà wiesgħa ta' oqsma ta' għarfien rilevanti fil-qasam tal-indirizzar tal-mibegħda fis-soċjetà; il-kapaċità li jifhmu, jirrikonoxxu u jikkomunikaw fehmiet differenti dwar is-suġġett; u d-diversità f'termini ta' ġeneru, ta' nazzjonalità, ta' dixxiplina u ta' affiljazzjoni professjonali. Barra minn hekk, rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni Ewropea kkontribwixxa għall-għarfien dwar il-politika tal-UE.

Il-membri tal-Kumitat ta' Għarfien kienu:

- **Arun Mansukhani** – Psikologu Kliniku
- **Daris Lewis Recio** – Uffiċjal Legali u ta' Politika f'Equinet
- **Federico Faloppa** – Professur tas-Soċjolingwistika fl-Università ta' Reading
- **Jelena Jovanovic** – Koordinatur tal-Intergrupp kontra r-Razziżmu u d-Diversità fil-Parlament Ewropew
- **Manos Tsakiris** – Professur tal-Psikoloġija fl-Università ta' Londra
- **Nesrine Slaoui** – Ġurnalista u awtriċi indipendenti
- **Robin Sclafani** – Direttur tas-CEJI – Kontribut Lhudi għal Ewropa inklużiva
- **Tommaso Chiamparino** – Uffiċjal tal-Politika fid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi.

2.5.3 Ċentru ta' Għarfien u ta' Informazzjoni

Ġie stabbilit Ċentru ta' Għarfien u ta' Informazzjoni (KIC) biex iwieġeb għall-mistoqsijiet u għat-talbiet għal kjarifika fformulati miċ-ċittadini matul id-deliberazzjonijiet tagħhom. Il-KIC kien jinkludi l-membri tal-Kumitat ta' Għarfien kif ukoll esperti mill-Kummissjoni Ewropea għat-tielet sessjoni, li ntalbu jipprovdu tweġibiet dwar l-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom. Matul it-tliet sessjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej, il-KIC ipprova tweġibiet bil-miktub għal aktar minn 50 mistoqsija li qajmu ċ-ċittadini u elabora briefing bil-miktub għat-tielet sessjoni. Il-KIC għamel ukoll interventi qosra fit-tmax-il grupp ta' ħidma biex jiċċara kwistjonijiet fil-proċess tal-abbozzar tar-rakkomandazzjonijiet.

2.5.4 Kelliema

Minbarra l-membri tal-Kumitat ta' Għarfien, diversi partijiet ikkonċernati u esperti ġew mistiedna jippreżentaw pożizzjonijiet u esperjenzi differenti fir-rigward tal-forom u tal-konsegwenzi tal-mibegħda fis-soċjetà tagħna u biex iwieġbu l-mistoqsijiet taċ-ċittadini. Il-Kumitat ta' Għarfien żgura li l-għarfien ippreżentat liċ-ċittadini kien bilanċjat, rilevanti għall-ħtiġijiet u għat-talbiet taċ-ċittadini u rappreżentattivi biżżejjed tal-pożizzjonijiet ewleni ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-partijiet ikkonċernati fl-UE. Din hija l-ewwel darba li Panel Ewropew taċ-ċittadini laqa' lir-rappreżentanti mis-soċjetà ċivili biex jaqsmu t-testimonjanzi dwar l-esperjenzi tagħhom ta' mibegħda. Il-kelliema kollha huma elenkati hawn taħt.



Tabella 2: Lista tal-kelliema matul it-tliet sessjonijiet

	Ismijiet u affiljazzjoni	S1	S2	S3
Il-Kummissjoni Ewropea	Dubravka Šuica, <i>Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija</i>			YES
	Colin Scicluna, <i>Kap tal-Kabinett, Kabinett tal-Viċi President Dubravka Šuica</i>			YES
	Anna Gallego Torres, <i>Direttur Ġenerali, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi</i>	YES		YES
	Dana Spinant, <i>Direttur Ġenerali, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni</i>	YES		YES
	Irena Moozova, <i>Viċi Direttur Ġenerali għad-Dimensjoni Internazzjonali tal-Politiki tal-Ġustizzja, l-Istat tad-Dritt u l-Ugwaljanza, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi</i>		YES	
	Richard Kuehnel, <i>Direttur għar-Rappreżentanza u l-Komunikazzjoni fl-Istati Membri, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni</i>		YES	
	Ingrid Bellander Todino, <i>Kap tal-Unità tal-Politika tad-Drittijiet Fundamentali, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi</i>			YES
	Lutz Güllner, <i>Kap tal-Integrità tal-Informazzjoni u l-Għieda kontra l-FIMI, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna</i>			YES
	Louisa Klingvall, <i>Aġent Kap tal-Unità għall-Affarijiet Internazzjonali u l-Fluss tad-Data, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi</i>			YES
	Gaëtane Ricard-Nihoul, <i>Viċi Kap tal-Unità, Unità tad-Djalogi taċ-Ċittadini, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni</i>			YES
	Menno Cox, <i>Kap tas-Settur għall-Aspetti Globali tas-Servizzi Diġitali, id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija</i>		YES	
	Daria Arlavi, <i>Uffiċjal tal-Politika, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Ispport u l-Kultura</i>			YES
	Tommaso Chiamparino, <i>Uffiċjal tal-Politika, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi</i>			YES
	Harry Panagopulos, <i>Uffiċjal Legali għad-Demokrazija, iċ-Ċittadinanza tal-Unjoni u l-Moviment Liberu, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi</i>			YES
Martin Sacleux, <i>Uffiċjal tal-Politika, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi</i>			YES	
Kelliema esterni	David Martin Abanades, <i>Spettur tal-Pulizija Lokali, Spanja</i>		YES	
	Milena Angelova, <i>Korapporteur dwar "Ma hemmx post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda", il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew</i>			YES
	Margarita S. Ilieva, <i>Espert tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-Kunsill tal-Ewropa</i>		YES	
	Kuany Kiir, <i>Uffiċjal tal-Proġett, Taqsima tal-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza u l-Paċi Globali, UNESCO</i>		YES	
	Cristian Pîrvulescu, <i>Rapporteur dwar "Ma hemmx post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda", il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew</i>		YES	
	Emanuela Pisano, <i>Maniġer tal-Proġett tal-UE, Assemblea tar-Reġjuni Ewropej</i>			YES
	Pasquale Quaranta, <i>Ġurnalista u Editur tad-Diversità, iGEDI Gruppo Editoriale</i>		YES	
	Valérie Rosoux, <i>Direttur tar-Riċerka, FNRS u Professur, UCLouvain</i>		YES	
	Willem Wagenaar, <i>Riċerkatur, il-Fondazzjoni Anne Frank</i>		YES	
Juliana Wahlgren, <i>Esperta, in-Network Ewropew kontra l-Faqar</i>		YES		
Testimonjanzi mis-soċjetà ċivili	Kamil Goungor, <i>Uffiċjal għall-Appoġġ tal-Politika u l-Moviment, in-Network Ewropew għal Għajxien Indipendenti</i>	YES		
	Sacha Guttman, <i>Student, ULB, u Uffiċjal tal-Promozzjoni, CEJI – Kontribut Lhudi għal Ewropa Inklużiva</i>	YES		
	Mireille-Tsheusi Robert, <i>President, assoċjazzjoni Bamko asbl</i>	YES		
	Fabian Wichmann, <i>Maniġer tal-Każ, EXIT Deutschland</i>	YES		

2.6. Osservaturi

Għadd limitat ta' osservaturi tħallew isegwu l-ħidma ta' dan il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej. L-għan kien li jiġu pprovduti trasparenza u viżibbiltà għal dan il-format demokratiku innovattiv filwaqt li jiġi ppreservat spazju sikur għaċ-ċittadini li pparteċipaw, li huwa kruċjali għal ambjent ta' dibattitu affidabbli. L-osservaturi tħallew jattendu u jsegwu d-diskussjonijiet fis-sessjonijiet plenarji u fil-gruppi ta' ħidma. L-għadd massimu ta' osservaturi permess għal kull grupp ta' ħidma kien ta' tlieta.

Xi osservaturi interni ġew ukoll mis-sħab u mill-istituzzjonijiet organizzattivi (eż., persunal intern mill-Kummissjoni Ewropea jew minn istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-UE). L-osservaturi esterni kienu jinkludu riċerkaturi (minn universitajiet jew minn gruppi ta' riflessjoni), atturi tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħrajn. Bil-kunsens taċ-ċittadini kkonċernati, l-osservaturi esterni setgħu jagħmlu intervisti magħhom għal finijiet ta' riċerka biss, jekk dan ma jfixkilx il-proċedimenti tal-panel.





TWESSIGĦ TAL-INVOLVIMENT

3. Twessigħ tal-involviment

3.1. Il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini

Il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini hija għodda online li tippermetti lill-pubbliku ġenerali jsemmja' leġnu dwar il-kwistjoni indirizzata mill-membri tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej. Din l-għodda ġiet stabbilita biex tiġi mmassimizzata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fis-suġġett u biex tikkontribwixxi kemm għall-ħidma tal-Panel kif ukoll għall-politiki futuri relatati. Din il-pjattaforma bbażata fuq is-software b'sors miftuħ Decidim tistieden liċ-ċittadini jissottomettu l-kontribut tagħhom bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE, fejn joffru ideat u soluzzjonijiet. Barra minn hekk, il-pjattaforma trawwem diskussjonijiet interattivi permezz ta' funzjoni tal-kummenti, li tippermetti lill-utenti jinvolvu ruħhom mal-proposti ta' xulxin, jipprovdu feedback, u jirfinaw l-ideat b'mod kollaborattiv.

Fit-22 ta' April 2024, il-Kummissjoni Ewropea nediet id-dibattitu online dwar is-suġġett tal-indirizzar tal-mibegħda fis-soċjetà. ^(?) Matul is-sessjonijiet, il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej kellu l-opportunità li jisma' dwar il-kontribuzzjonijiet ewlenin li saru fuq il-pjattaforma. Il-kontributori qasmu l-għarfien tagħhom dwar diversi aspetti bħas-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-inizjattivi ta' bini tal-empatija madwar l-UE. Filwaqt li nebbħet jew saħħet il-ħidma tagħhom, il-parteċipazzjoni ta' udjenza usa' ta' ċittadini tal-UE permezz tal-pjattaforma għenet biex jitqiesu fehmiet oħrajn fid-diskussjonijiet. Il-kontribut kollu li sar fuq il-pjattaforma ġie inkluż fid-deliberazzjonijiet tal-Panel u tqies fit-tnejn ta' politiki futuri.


3.2. Strateġija ta' komunikazzjoni

L-istrateġija ta' komunikazzjoni għall-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà tfasslet biex timmassimizza s-sensibilizzazzjoni u l-involviment permezz ta' approċċ b'diversi aspetti, li jgħaqqad kampanji tal-media soċjali, il-ħidma biex jintlaħqu n-nies mill-influwenzaturi u l-ġurnalisti, il-ħidma diretta biex jintlaħqu n-nies permezz ta' avvenimenti u l-iżvilupp ta' dokumentarju.

Il-kampanji tal-media soċjali ffukaw biex jidderieġu t-traffiku lejn il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini (CEP) il-ġdida, kif ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni dwar is-sessjonijiet tal-panel li għaddejjin. 40 influwenzatur u ġurnalist ġew mistiedna joħlqu u jaqsmu l-kontenut, sabiex b'hekk iwessgħu l-ilħuq tal-kampanja u jrawmu involviment pubbliku akbar mal-ħidma tal-panel. Dan l-approċċ għen biex jixpruna involviment u sensibilizzazzjoni sinifikanti dwar il-panel madwar l-Unjoni Ewropea (madwar 22 miljun persuna milħuqa permezz ta' 272 element ta' kontenut).

Komponent ċentrali tal-istrateġija kien id-dokumentarju [HYPERLINK TO ADD], li kellu l-għan li jipprovdi narrattiva personali u interessanti tal-attivitajiet tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej.

(?) Il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini tista' tiġi kkonsultata [hawnhekk](#)



EUROPEAN CITIZENS' PANEL
Tackling Hatred in Society

Session 1:

- 6-8th April
- 150 randomly-selected citizens met in Brussels for the first time and shared initial thoughts and ideas.





Session 2:

- 26-28th April
- Citizens meet online to continue debating.

Session 3:

- 17-19th May
- Panel reconvenes back in Brussels to draft the final recommendations.







RAKKOMANDAZZJONIJIET TAĊ-ĊITTADINI

4. Rakkomandazzjonijiet taç-Ċittadini

4.1. Definizzjoni tal-problema u rakkomandazzjonijiet

Matul tliet weekends, aħna, il-Panel taç-Ċittadini Ewropej dwar l-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà magħmul minn 150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju mis-27 Stat Membru tal-UE, iddiskutejna kif għandna nindirizzaw il-mibegħda fis-soċjetà tagħna. Aħna ġejjin minn sfondi differenti, iżda niħmu l-problema b'mod komuni. Dan il-Panel jirrikonoxxi li hemm diversi kawżi u fatturi li jikkontribwixxu għaż-żieda u għall-persistenza tal-mibegħda fis-soċjetà tagħna, filwaqt li jenfasizza l-interazzjoni kumplessa tal-aspetti emozzjonali, soċjali u ekonomiċi.

- **Kunflitti u Legat Storiku:** Il-kunflitti storiċi u kurrenti jistgħu jwasslu għal legat ta' mibegħda li tintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra. Fl-istorja kumplessa tal-Ewropa, kull każ ta' kunflitt, gwerrija u tensjoni ġeopolitika kkontribwixxa għal dan iċ-ċiklu. Mingħajr sforzi attivi biex dawn il-feriti jiġu indirizzati u jitfejqu, il-mibegħda mrawma mill-kunflitti tkompli, u thedded li tipperpetwa ċiklu ta' animożità u firda.
- **Kriżi Ekonomika u Soċjali:** Il-bidliet soċjali u kulturali rapidi jaġixxu bħala katalizzaturi sinifikanti ta' sentimenti ta' telf u żvantaġġ, li jwasslu għall-eskalazzjoni tal-mibegħda. Dan jista' jkun kontra firxa wiesgħa ta' gruppi u ċittadini, li jingħataw it-tort għall-kriżi ekonomika u soċjali. Il-fatturi soċjopolitiċi u ekonomiċi mhux biss iwasslu għal inugwaljanza iżda jistgħu jkunu wkoll muturi qawwija għall-insigurità u l-biża'.
- **Politika u Responsabbiltà:** Il-politiċi u l-figuri pubbliċi kollha għandhom responsabbiltà kbira biex jindirizzaw u jieħdu passi kontra l-mibegħda iżda jistgħu jqanqlu l-mibegħda huma stess permezz tat-trattament mhux xieraq tal-gruppi etniċi u l-isfruttament tan-nazzjonaliżmu, kif ukoll il-firdiet u l-populiżmu għall-gwadann personali. Il-personaġġi politiċi u pubbliċi kemm fl-UE kif ukoll minn barra jistgħu jużaw id-diskors ta' mibegħda biex jixprunaw ambizzjonijiet territorjali u jiddelegittimizzaw id-demokrazija. Il-firdiet isiru aktar profondi meta tingħata prijorità lil min jgħolli l-aktar lefħnu milli lid-diskors u lid-deliberazzjoni raġunati, filwaqt li jiġu amplifikati l-opinjoni estremi u t-teoriji ta' konfossa.

- **Media, Miżinformazzjoni u Akkontabilità:** L-espressjoni "aħna kontrihom" u l-mibegħda lejn diversi gruppi li dejjem qegħdin jżiedu huma aggravati mill-media tradizzjonali u min-networks soċjali, spiss bl-iskop li jinkiseb gwadann. Il-media tradizzjonali tista' toħloq miżinformazzjoni u tirriproduċi narrattivi ta' mibegħda apposta. Fin-networks soċjali, l-anonimità u l-algoritmi manipolati għandhom rwol kruċjali fit-tkattir tad-diskors ta' mibegħda u d-diskriminazzjonijiet. Dawn in-networks iservu bħala mezzi għall-miżinformazzjoni u għall-perpetwazzjoni tal-isterjotipi, b'mod partikolari kontra n-nisa u ż-żgħirażagħ li jiffaċċjaw fastidju sinifikanti online. Dan huwa msaħħaħ ulterjorment minn nuqqas ta' akkontabilità min-naħa tan-networks u l-utenti.

- **Mentalità tal-Merħla, Preġudizzju, u Intolleranza:** Aspett fundamentali tan-natura umana huwa x-xewqa li wieħed jappartjeni għal grupp jew dinamika soċjali, li wieħed iħossu "bħal ħaddieħor". Din ix-xewqa xi drabi tista' tkun tant qawwija li twassal għal espressjoni ta' mibegħda u intolleranza, sentiment ta' "aħna kontrihom" fil-konfront ta' "ħaddieħor". Din id-dinamika ta' sfida u mibegħda taffettwa b'mod speċjali lill-individwi u l-gruppi vulnerabbli abbażi tal-etniċità, l-istatus ta' migrazzjoni, ir-reliġjon, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilitajiet, l-istatus tal-familja u l-fatturi soċjoekonomiċi. In-nuqqas ta' edukazzjoni dwar l-identitajiet differenti, il-kulturi, it-tolleranza, id-dibattitu u l-komunikazzjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' informazzjoni online affidabbli, jistgħu jkomplu jżidu n-nuqqas ta' fehim, jipperpetwaw il-preġudizzju, u jirriżultaw f'mibegħda.

Dawn il-kawżi u l-fatturi tal-mibegħda jaffettwaw lill-partijiet kollha tas-soċjetà tagħna. Aħna, bħala ċittadini tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea bl-isfondi differenti tagħna, nemmnu li l-ġlieda kontra l-mibegħda fl-Ewropa u madwar id-dinja hija prijorità. Hija r-responsabbiltà kondiviża tagħna li nipprevjenu u nirreaġixxu għall-mibegħda fil-forum kollha tagħna fil-livelli individwali, soċjetali u istituzzjonali abbażi tal-valuri komuni tal-UE u tad-drittijiet fundamentali tagħna: il-paċi, il-libertà u l-ugwaljanza. Għalhekk, nirrakkomandaw li tittieħed azzjoni f'diversi oqsma biex dawn id-drittijiet fundamentali jiġu protetti, għall-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni, il-mibegħda u l-kunflitti, għall-protezzjoni tal-aktar persuni vulnerabbli, u fl-aħħar mill-aħħar biex tissawwar UE rispettuża u ġusta għal kulħadd.

4.2. 21 rakkomandazzjoni biex tiġi indirizzata l-mibegħda fis-soċjetà tagħna

Is-sistema ta' rispons għar-reati ta' mibegħda u għad-diskors ta' mibegħda – Rakkomandazzjonijiet 1 sa 7

**Rakkomandazzjoni 1:
Ewropa Waħda, Definizzjoni Waħda:
Kriminalizzazzjoni tad-Diskors ta' Mibegħda**

Nirakkomandaw li l-Kummissjoni tal-UE tistabbilixxi grupp ta' ħidma divers li jaġġorna u jespandi d-definizzjoni komuni ta' "diskors ta' mibegħda illegali" sabiex it-tixrid tiegħu jiġi kriminalizzat b'mod aħjar. Id-definizzjoni kurrenti, li ġiet adottata fl-2008, tiffoka fuq ir-razziżmu u l-ksenofobija iżda teskludi forum oħrajn ta' mibegħda, bħad-diskriminazzjoni abbażi tal-abbiltà u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, il-ġeneru, l-età u aktar. Dan it-terminu skadut jeħtieġ reviżjoni urġenti biex jirrifletti l-valuri inklużivi tas-soċjetà moderna tagħna.

Definizzjoni ġdida u komprensiva hija kruċjali biex it-tixrid tad-diskors ta' mibegħda illegali jsir reat kriminali soġġett għal prosekuzzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE. Dan l-adattament se jiżgura li l-forom kollha ta' diskors ta' mibegħda jiġu rikonoxxuti u penalizzati b'mod uniformi, u b'hekk jissaħħaħ l-impenn tagħna lejn soċjetà aktar inklużiva u rispettuża.

Bl-inklużjoni tad-diskors ta' mibegħda fil-lista ta' reati tal-UE, nistgħu niproteġu lill-komunitajiet emarġinati u nħarsu d-dinjità tal-bniedem. Din l-inizjattiva tidistingwi d-diskors ta' mibegħda illegali mil-libertà tal-espressjoni, filwaqt li tiżgura li nsibu l-bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali u l-ħtieġa li jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni u l-mibegħda.

Ġustifikazzjoni:

Promozzjoni tal-Koeżjoni Soċjali: L-aġġornament tad-definizzjoni biex tinkludi l-forom kollha ta' diskors ta' mibegħda jrawwem soċjetà aktar inklużiva fejn kulħadd iħossu rispettati u smati. Dan jippromwovi l-koeżjoni soċjali u jnaqqas il-firdiet ikkawżati minn diskors ta' mibegħda mhux ikkontrollat.

Tishiġ taċ-Ċarezza Legali: Definizzjoni unifikata fl-Istati Membri kollha tal-UE telimina l-inkonsistenzi u l-lakuni fil-protezzjonijiet legali. Din iċ-ċarezza tiżgura li l-awturi tad-diskors ta' mibegħda jinżammu responsabbli, irrispettivament minn fejn jinsabu fl-UE.



Protezzjoni tal-Komunitajiet Emarġinati: L-espansjoni tad-definizzjoni biex tkopri aktar forom ta' diskriminazzjoni tipprovdi protezzjoni aħjar għall-gruppi emarġinati, biex b'hekk tnaqqas l-esponiment tagħhom għal lingwaġġ ta' ħsara u dispreġġattiv.

Tishiġ tad-Drittijiet tal-Bniedem: Bil-kriminalizzazzjoni tal-forom kollha ta' diskors ta' mibegħda, l-UE ssaħħaħ l-impenn tagħna lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità, filwaqt li tallinja l-oqfsa legali mal-valuri kontemporanji tal-ugwaljanza u tar-rispett.

Ibbilanċjar tal-Libertajiet: Dan l-approċċ jiddistingwi b'attenzjoni bejn id-diskors ta' mibegħda u l-libertà tal-espressjoni, billi jiżgura l-ħarsien tal-libertà tal-espressjoni filwaqt li jipprevjeni diskors li jinċita l-vjolenza, il-mibegħda jew id-diskriminazzjoni.

Trawwim tal-Empatija u tal-Fehim: L-esponiment għal perspettivi diversi u l-kriminalizzazzjoni tad-diskors ta' mibegħda jinkoraġġixxu l-empatija u l-fehim fost iċ-ċittadini, u jikkontribwixxu għal soċjetà aktar armonjuża u rispettuża.

L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni se twassal għal Ewropa aktar ġusta u koeżiva, fejn l-individwi kollha, irrispettivament mill-identità tagħhom, jistgħu jgħixu mingħajr biża' ta' mibegħda u diskriminazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 2:
Protokoll Ewropew għal Rispons Effettiv
għan-Notifiki ta' Reati ta' Mibegħda**

Nirakkomandaw proċedura ċara u uniformi għar-rapportar ta' reati ta' mibegħda fl-Istati Membri kollha tal-UE. Din il-proċedura legali għandha tiġi implimentata

b'mod effettiv f'organizzazzjonijiet li jinteraġixxu mal-vittmi ta' reati ta' mibegħda. Nissuġġerixxu li jiġu riveduti l-miżuri kollha li ġew proposti qabel u li huma ineffettivi u li jiġi żviluppata proċess sempliċi li jippermetti lill-vittmi u lix-xhieda jirrapportaw ir-reati kollha, inklużi r-reati fuq il-pjattaformi online, b'mod sikur.

L-ewwel nett, il-proċedura għandha tiżgura kundizzjonijiet ta' rapportar sikuri kemm għall-vittmi kif ukoll għax-xhieda tar-reati ta' mibegħda. Billi tiġi żgurata s-sikurezza tagħhom jista' jiżdied l-għadd ta' reati rappurtati. Dan jinkludi miżuri ta' protezzjoni legali u psikoloġika u, jekk meħtieġ, protezzjoni fiżika minn individwi li jkunu qegħdin ifittxu vendetta. Il-proċedura tista' tinvolvi wkoll f'idma mal-awturi ta' reati, li spiss jistgħu jkunu vittmi preċedenti ta' mibegħda.

It-tieni, il-proċedura għandha tinvolvi l-atturi kollha li jipparteċipaw fil-katina tar-rapportar tal-kriminalità biex jitnaqqas ir-riskju ta' vittimizzazzjoni sekondarja u l-aggravar tat-trauma.

Fl-aħħar, il-proċedura għandha tiġi appoġġata minn mezz online xieraq imfassal għar-rapportar sikur tal-kriminalità.

Ġustifikazzjoni:

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti għaliex tgħin biex tiġi evitata u/jew imminimizzata l-vittimizzazzjoni sekondarja tal-vittmi. Il-proċedura se tippermetti rispons u assistenza rapidi għall-vittmi, kif ukoll appoġġ u protezzjoni għax-xhieda. Din il-proċedura se tiffaċilita wkoll l-azzjonijiet tas-servizzi li jirċievu r-rapport. Jekk il-proċedura tirriżulta li hija effettiva, is-soċjetà tkun imħeġġa twieġeb għar-reati u tirrapportahom b'mod aktar frekwenti.

Rakkomandazzjoni 3: Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Mibegħda fl-Istati Membri

Nirakkomandaw li jiġi stabbilit Uffiċċju indipendenti għall-Ġlieda kontra l-Mibegħda f'kull Stat Membru. Neħtieġu istituzzjoni b'saħħitha b'awtorità legali u komunikazzjoni effettiva, li tipprovdi assistenza tanġibbli lin-nies permezz ta' sistema oġġettiva u indipendenti għar-rapportar tar-reati.

L-ewwel nett, l-Uffiċċju se jkun responsabbli għall-għoti ta' appoġġ legali u psikoloġiku lil kull vittma ta' reat ta' mibegħda fl-Istat Membru tagħha, b'f'idma mill-qrib mal-NGOs u ma' kumitat taċ-ċittadini. L-Uffiċċju se jipprovdi pjattaforma biex ir-reati ta' mibegħda jiġu rappurtati b'mod effettiv u sikur għall-vittmi.

It-tieni, l-Uffiċċju se jaħdem mill-qrib mal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-Ġlieda kontra d-Diskors ta' Mibegħda u r-Reati ta' Mibegħda, jew simili, biex iwettaq il-missjoni tiegħu u jiżgura l-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet ta' Kondotta għan-negozji, għall-organizzazzjonijiet u għall-politikanti. Din il-kooperazzjoni se tgħin biex jinħoloq ambjent effettiv u ta' appoġġ għall-vittmi. Barra minn hekk, l-Uffiċċju jista' jipprovdi informazzjoni u l-aħjar

prattiki lill-individwi li jkunu qegħdin ifittxu parir. Il-persunal tal-Uffiċċju għandu jservi fuq bażi ta' terminu.

It-tielet, l-Uffiċċju se jxerred l-għodod, il-programmi, il-mekkaniżmi u l-materjali tal-UE dwar il-mibegħda, filwaqt li jiżgura li dawn jilħqu l-istituzzjonijiet edukattivi, l-istituzzjonijiet amministrattivi, u l-pubbliku ġenerali fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Biex dan jiġi żgurat, l-Uffiċċju se jipprovdi taħriġ għas-servizzi involuti fl-ewwel rispons wara r-rapportar.

Fl-aħħar, l-Uffiċċju se jiġbor data dwar ir-reati ta' mibegħda biex jiżviluppa risponsi effettivi għall-ħtiġijiet futuri tal-popolazzjoni.

Ġustifikazzjoni:

Ir-reati ta' mibegħda żdiedu fis-soċjetajiet polarizzati tagħna, u dan aggrava l-benesseri tan-nies. Għall-prevenzjoni tar-reati ta' mibegħda u għar-reazzjoni għalihom, u biex tingħata attenzjoni lill-vittmi, jeħtieġ li jkun hemm istituzzjonijiet u mekkaniżmi effettivi fis-seħħ. Barra minn hekk, kull reat jibda minn f'sieb jew kelma. Biex tiġi żgurata l-edukazzjoni dwar ir-rispett u biex ikun hemm sensibilizzazzjoni, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita istituzzjoni dedikata li tipprevjeni r-reati ta' mibegħda u tappoġġa lill-vittmi, speċjalment peress li tali uffiċċju sempliċiment għadu ma jeżistix iżda huwa meħtieġ ħafna.

Rakkomandazzjoni 4: Taħriġ għat-Tolleranza (T4T)

Nirakkomandaw li l-UE tagħmel il-korsijiet ta' taħriġ eżistenti dwar ir-reati ta' mibegħda, id-diskors ta' mibegħda u l-komunikazzjoni mhux vjolenti aktar magħrufa u tippromwovihom lil gruppi fil-mira speċifiċi. Fil-prinċipju, il-gruppi soċjali kollha għandhom jiġu edukati aħjar u jiżviluppaw f'idma biex jindirizzaw il-mibegħda. Madankollu, aħna nemmnu li huwa partikolarment importanti li jiġi pprovdut taħriġ aħjar għan-nies li jaħdmu fis-settur pubbliku (eż., il-pulizija jew l-assistenti soċjali). Wara



kollox, dawn spiss ikunu l-ewwel persuni li jiltaqgħu magħhom il-vittmi u l-persuni affettwati meta jkunu esperjenzaw mibegħda. Huwa partikolarment importanti li l-impjegati taċ-civil ikunu jistgħu jittrattaw il-kwistjoni u l-individwu b'mod sensitiv. Għandu jkun hemm offerta ta' taħriġ regolari għall-impjegati taċ-civil fl-Istati Membri tal-UE, fejn jista' jsir taħriġ kemm fuq il-post kif ukoll online. Il-ħallieqa ta' kontenut huma grupp fil-mira importanti ieħor, kemm bħala parteċipanti kif ukoll bħala ambaxxaturi għat-taħriġ. Huma għandhom influwenza kbira fuq gruppi fil-mira aktar zgħażaġh u jaġixxu bħala multiplikaturi. Il-persuni li jaħdmu f'pożizzjonijiet pubbliċi fl-UE għandhom jaġħtu eżempju tajjeb u jipprovdu t-taħriġ ukoll. Sabiex l-oportunitajiet ta' taħriġ isiru aċċessibbli għall-popolazzjoni usa', it-trade unions jew organizzazzjonijiet oħrajn jistgħu jkunu involuti biex jipromwovu t-taħriġ. Jistgħu jinħarġu wkoll reklami fil-gazzetti komunitarji. Il-parteċipanti jirċievu ċertifikat meta jtemmu t-taħriġ b'suċċess, li bih jistgħu juru lid-dinja ta' barra l-kompetenza li jkunu kisbu biex jindirizzaw il-mibegħda.

Ġustifikazzjoni:

Il-piramida tal-mibegħda tibda bl-isterjotipi u l-clichés li għandna f'moħħna. Dawn jiġu promossi permezz tad-diskors ta' mibegħda. Għalhekk huwa importanti li naslu għall-għeruaq tal-problema. It-taħriġ mhux biss għandu impatt fuq il-persuni li jirċievu t-taħriġ, iżda wkoll fuq in-nies ta' madwarhom. Il-korsijiet ta' taħriġ huma żieda importanti mal-programmi edukattivi formali (bħall-edukazzjoni fl-iskola jew fl-università). L-UE diġà toffri bosta programmi u materjal ta' taħriġ evalwati tajjeb. Madankollu, dawn huma diffiċli biex jinstabu. Sabiex jiġi żgurat li l-programmi żviluppatti jkunu verament effettivi u sostenibbli, u li jilħqu l-grupp fil-mira, jeħtieġ li jiġu rreklamati aħjar. L-enfasi fuq in-nies fis-settur pubbliku hija importanti wkoll, peress li għad hemm wisq każijiet ta' dawk affettwati li kellhom esperjenzi negattivi mal-aġenziji tal-gvern.

Rakkomandazzjoni 5: Żieda tas-Sensibilizzazzjoni dwar il-Mibegħda u l-Miżuri u r-Rimedji Eżistenti biex tiġi Miġġielda Permezz ta' Kampanja Pubblika

Nirakkomandaw li l-UE timplimenta kampanja pubblika dwar il-periklu u l-kawżi tal-mibegħda u l-miżuri kontra (kemm online kif ukoll offline) biex toħloq sensibilizzazzjoni u teduka dwar il-prevalenza u l-perikli tagħha. Fl-istess ħin, għandha tinforma dwar l-inizjattivi differenti tal-UE kontra l-mibegħda, u l-mezzi ta' appoġġ u l-miżuri disponibbli għall-vittmi.

Biex il-kampanji ta' messaġġi kontra l-mibegħda jsiru kemm jista' jkun effettivi, nirakkomandaw li l-gruppi fil-mira, l-approċċ, il-mezzi u l-kontenut jiġu ddefiniti u speċifikati b'mod ċar. Hija għandha:

- Timmira l-kampanja kemm lejn il-pubbliku ġenerali kif ukoll lejn gruppi speċifiċi u importanti (eż. il-vittmi, l-awturi ta' reati, it-tfal);
- Tistabbilixxi messaġġi mfassla apposta għal dawn il-gruppi differenti u għall-kuntest ta' Stati Membri differenti tal-UE bl-użu ta' approċċi leġġeri u aċċessibbli mfassla apposta għall-kuntest ta' kull Stat Membru.
- Tenfasizza r-responsabbiltà taċ-ċittadini kollha tal-UE li jiġġieldu u jaħdmu kontra l-mibegħda li jiltaqgħu magħha f'ħajjithom stess, billi jiġu pprovduti għodod u informazzjoni prattikabbi dwar kif jistgħu jaġħmlu dan;
- Tuża mezzi ta' komunikazzjoni kemm tradizzjonali kif ukoll mhux konvenzjonali offline u online biex ixxerred il-messaġġi kontra l-mibegħda ħalli tilħaq subsezzjonijiet differenti tas-soċjetà permezz ta' mezzi aktar effettivi u faċli għall-utent.
- Tinvolvi l-media tradizzjonali u dik soċjali, kif ukoll l-influwenzaturi u l-ilħna tal-vittmi, kemm fl-abbozzar kif ukoll fil-kondiviżjoni ta' dawn il-messaġġi biex jiġi żgurat li jkunu aktar effettivi u jilħqu lin-nies it-tajba.

Ġustifikazzjoni:

Għalkemm diġà għandna oqfsa differenti li jindirizzaw il-mibegħda fil-livell tal-UE, ma sarx biżżejjed biex iċ-ċittadini Ewropej jiġu infurmata dwar dawn l-inizjattivi. Il-biċċa l-kbira taċ-ċittadini tal-UE ma jafux liema programmi, inizjattivi u regolamenti jeżistu kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Ir-rapporti, l-aħbarijiet u d-dibattiti dwar il-mibegħda jiffukaw l-aktar fuq każijiet ta' mibegħda u dak li sejjer ħażin, li huwa importanti iżda jpinġi stampa ta' dwejjaq u preġudikata. Għalhekk, għandu jkun hemm ukoll rapporti pożittivi dwar kif tiġi indirizzata l-mibegħda, kif ukoll suġġerimenti prattiki dwar x'jistgħu jaġħmlu n-nies kontra.

Nirakkomandaw kampanja ta' sensibilizzazzjoni, aktar milli liġi jew kodiċi ta' kondotta vinkolanti dwar dak li l-influwenzaturi u l-kanali tal-media professjonali jifhalaw jgħidu, peress li dan l-approċċ jista' jitqies bħala ċensura u jista' joħloq reazzjoni u skuntentizza fost in-nies b'fehmet diverġenti u s-soċjetà inġenerali. L-enfasi fuq il-ħidma biex jintlaħqu n-nies u s-sensibilizzazzjoni tista' tippermetti liċ-ċittadini jifhmu s-sinifikat tas-suġġett u tipprovdilhom l-għodod biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet u jiġġieldu l-mibegħda f'ħajjithom stess.

Speċifikazzjonijiet:

Gruppi fil-mira: Huwa importanti li jintlaħqu sezzjonijiet wiesgħa tas-soċjetà permezz ta' din il-kampanja ta' sensibilizzazzjoni, biex jinbidlu l-opinjoni pubbliċi u jiġi żgurat li l-bidliet fl-opinjoni u fl-imġiba jkunu sostenibbli. Dan se jiżgura wkoll li l-persuni li diġà għandhom valuri kontra l-mibegħda jkomplu jaġixxu kif xieraq. Fl-istess ħin, biex jiġi żgurat li dawn il-kampanji jkunu effettivi u jħallu impatt, huwa importanti li jitfasslu kampanji u messaġġi għal gruppi fil-mira differenti, bħall-vittmi, l-alleati, it-tfal, il-ġenituri, l-għalliema u l-awturi ta' reat. Billi nispegaw ir-raġunijiet għall-emozzjonijiet ta' mibegħda, nistgħu ngħinu lin-nies li jistgħu jinvolvu ruħhom f'diskors jew imġiba ta' mibegħda biex jifhmu kemm il-motivi tagħhom kif ukoll

L-impatt tal-azzjonijiet tagħhom. Il-kampanji għandhom ikunu wkoll b'lingwi mhux tal-UE, biex jilħqu persuni li ma jitkellmex il-lingwa tal-istat li jgħixu fih.

Kanali: Għandu jintuża sett wiesa' ta' kanali biex il-popolazzjoni tiġi edukata dwar x'inhu diskors ta' mibegħda pprojbit u ta' ħsara u x'forom ta' mgħiba huma m'hegħga, kif ukoll dwar inizjattivi u miżuri differenti li diġà jeżistu fl-UE. Minbarra l-media soċjali, l-istazzjonijiet televiżivi u l-produzzjonijiet tal-films, il-kampanja għandha tuża sett wiesa' ta' mezzi offline kreattivi, mhux tas-soltu u li jgħidu l-għajn, inklużi billboards, diversi gazzetti, pubblikazzjonijiet speċjalizzati dwar is-suġġett (potenzjalment mingħajr ħlas), trakkijiet, radju, skriens tal-metrò/tat-trasport pubbliku, fuljetti fis-supermarkets, gazzetti, irċevuti tax-xiri (bħal kif sar minn kampanja Awstrijaka ffukata fuq il-vjolenza kontra n-nisa) u miżuri simili. B'mod speċifiku, jista' jixxandar film mingħajr ħlas dwar is-suġġett madwar l-UE. Approċċ importanti ieħor huwa li jiġu involuti l-influenzaturi, bħal atturi, kantanti u nies fil-media fil-kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jintlaħqu ġenerazzjonijiet iżgħar u udjenzi oħrajn permezz ta' formati li huma xierqa għalihom. Barra minn hekk, inhegħgu li ssir fidma mal-influenzaturi li huma vittmi huma stess fl-abbozzar u fit-tixrid ta' dawn il-messaġġi.

Kontenut: Sabiex jiġi żgurati li l-kampanji jiffasslu tajjeb, professjonisti minn setturi differenti (reklamar, psikoloġija, gruppi ta' vittmi, eċċ.) u grupp fokali varjat li jikkonsisti mid-diversi gruppi fil-mira li l-kampanja għandha l-għan li tilħaq (vittmi, influenzaturi, żgħażaġh, eċċ.), għandhom ikunu involuti fit-tfassil tal-kontenut. Il-kampanji għandhom jiffasslu apposta biex jindirizzaw tipi differenti ta' mibegħda, bħal kontra l-minoranzi, l-immigranti, il-persuni b'diżabilità, l-LGBTQI+, ir-Rom u l-Lhud. Jeħtieġ ukoll li jiffasslu apposta skont is-sitwazzjoni f'pajjiżi differenti tal-UE u jibnu fuq inizjattivi u miżuri eżistenti. Għandu jiffoka wkoll fuq messaġġi pożittivi li jippromwovu UE mingħajr mibegħda u li jinforma dwar miżuri u inizjattivi eżistenti u effettivi kontra l-mibegħda. Għandu jkun hemm ukoll aktar rapporti dwar l-attivitatiet, id-dibattiti u l-inizjattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-aħbarijiet nazjonali.

Approċċ: Din il-kampanja għandha tkun attraenti u umoruza biex tabilħaq tilħaq u tiddel lin-nies (b'kuntrast ma' kif il-biċċa l-kbira taċ-ċittadini jipperċepixxu l-maġġoranza tal-kampanji tal-UE). Għandha tiffoka wkoll fuq l-involvement taċ-ċittadini b'mod aktar dirett. Pereżempju, l-UE tista' tagħti bidu għal kompetizzjonijiet jew premijijiet pubbliċi bl-għan li jiġu involuti proposti taċ-ċittadini dwar approċċi kreattivi u effettivi għall-kampanji. Barra minn hekk, il-kampanja għandha ttejjeg il-volontarjat u l-involvement ċiviku. L-involvement ta' diversi partijiet ikkonċernati, bħal persuni mogħtija s-setgħa biex jaqsmu l-istess personali tagħhom u kumpaniji kbar jew il-media fuq bażi volontarja. Pereżempju, il-manigiers jistgħu jaħdmu ma' gruppi tas-soċjetà vulnerabbli u jagħmlu konnessjonijiet għall-vittmi. Jeħtieġ li jiġu żgurati r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi. Il-kampanji jistgħu jiffukaw ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni fl-isport fost l-atletti u l-udjenzi billi jinvolvu lill-klabbs,

lill-media u lill-politiċi biex jindirizzaw il-kwistjoni tad-diskors ta' mibegħda. Aħna nhegħgu l-użu ta' approċċi aktar kreattivi, umoruza u attraenti, pereżempju, jista' jkun hemm kampanja bil-logo "pasta against hatred" (l-għajin kontra l-mibegħda) b'kodiċi QR li jwassal għal informazzjoni dwar l-inizjattiva fuq l-għajin jew fuq pakketti oħrajn tal-ikel (jew inkella fuq il-karta iġenika), skont l-aktar prodotti popolari f'kull Stat Membru.

Rakkomandazzjoni 6: Għajuna fir-Reklami Kontra l-Mibegħda

Nirakkomandaw li tiġi kkunsidrata l-istrateġija ta' komunikazzjoni li ġejja biex tiġi indirizzata l-mibegħda:

Messaġġi testwali qosra fakultattivi bil-mowbajl dwar l-inklużività għaċ-ċittadini kollha (eż. li jaslu kull ġimgħa/kull xahar);

- Kartelluni fl-istegjis tal-karozzi tal-linja li jippromwovu l-inklużività;
- Billboards kbar għal dawk li xebgħu mill-media soċjali, pereżempju jintużaw il-billboards tal-elezzjonijiet tal-UE għal messaġġi pożittivi kontra d-diskors ta' mibegħda;
- Reklami fakultattivi fuq Google dwar l-indirizzar tal-mibegħda;
- Il-ħolqien ta' emojis u memes għall-messaġġi kontra l-mibegħda;
- Noti pożittivi miżjuda ma' messaġġi uffiċjali eżistenti (bħal dokumenti governattivi);
- Vidjos ta' sensibilizzazzjoni li jintwerew fuq it-televiżjoni, jew f'teatri taċ-ċinema qabel film (meta jkun possibbli għandhom ikunu ta' rinforz pożittivi);
- Fl-avvenimenti sportivi (bħall-Olimpjadi jew it-Tazza tad-Dinja) iċ-ċerimonji tal-ftuħ għandhom jintużaw biex tixxerred is-sensibilizzazzjoni, eż. ir-Regina mal-ors ta' Paddington fl-Olimpjadi ta' Londra, li kien kontenut tassew simpatku/ħelw;
- Vidjos itwal li għandhom jintwerew f'avvenimenti sportivi b'fatur attraenti li jkun hemm il-plejer rilevanti involut fil-vidjo (eż. plejer tal-futbol fil-partiti tal-futbol);
- Kampanji b'persuni popolari/influenzaturi (bħal Pommelien fil-Belġju) għas-sensibilizzazzjoni dwar suġġetti ta' mibegħda.

Ġustifikazzjoni:

Dan se jwassal għal:

- Ambjent tal-media soċjali aħjar għas-saħħa mentali u aktar sikur, tip differenti ta' media soċjali li jkun aktar interpersonali.
- Soċjetà aktar b'saħħiħa, aktar konxja u aktar kuntenta.
- Ewropa aħjar b'anqas polarizzazzjoni.
- Sitwazzjoni li tevita l-eskalazzjoni u tqiegħed l-affarijiet f'perspettiva.

**Rakkomandazzjoni 7:
 Ħolqien ta' Pjattaforma għall-UE kollha
 li Tgħaqqad l-Informazzjoni, ir-Riżorsi,
 il-Miżuri u s-Sistemi ta' Appoġġ Rigward
 il-Mibegħda**

Nirakkomandaw li tinħoloq pjattaforma mmexxija mill-UE li tkun faċli biex tiġi nnavigata u mingħajr ħlas, li tipprovdi aċċess għal materjali ta' informazzjoni, bħal definizzjonijiet, artikli, vidjos u inizjattivi oħrajn minn organizzazzjonijiet iffukati fuq il-ġlieda kontra l-mibegħda. L-istil u l-istruttura tal-pjattaforma għandhom ikunu faċli għall-utent. Għaldaqstant, jista' jkun fiha taqsima mmirata lejn iż-żgħażaġħ b'informazzjoni dwar kwistjonijiet li jistgħu jiffaċċjaw fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u suġġerimenti prattiċi. L-enfasi għandha tkun fuq il-miżuri li għenu b'suċċess lill-vittmi u fuq pariri prattiċi għan-nies fis-soċjetà kollha dwar kif jistgħu jappoġġaw lill-vittmi b'mod effettiv, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kuljum fejn jistgħu jesperjenzaw imġiba ta' mibegħda. In-nies għandhom ikunu wkoll kapaċi jingħaqdu ma' nies oħrajn li qegħdin jesperjenzaw kwistjonijiet simili u jappoġġawhom. Barra minn hekk, il-pjattaforma tista' tinkludi d-definizzjoni tal-problema, ir-rakkomandazzjonijiet u l-materjali rilevanti kollha mill-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà.

Biex tiġi żgurata l-effettività, l-intelliġenza artifiċjali tista' tgħin lin-nies jinteraġixxu magħha b'mod aktar naturali u jsibu kontenut rilevanti, eż. tipprovdi gwida u rakkomandazzjonijiet għall-vittmi u għall-alleati u tirreferihom għall-kanali u għall-organizzazzjonijiet it-tajba għall-appoġġ. Barra minn hekk, il-pjattaforma jista' jkun fiha ċerti għażliet għall-utenti biex jipprovdu feedback speċifiku dwar liema riżorsi kienu ta' għajjnuna u kif din tista' tittejjeb aktar.

Barra minn hekk, dan is-sit web għandu wkoll iħeġġeġ, jippermetti u jagħti s-setgħa lin-nies biex jaħsbu b'mod kritiku dwar dawn il-kwistjonijiet minflok ma jkun restrittiv jew prużuntuż iżżejjed, li jista' jgerrex lin-nies. Dan jista' jkun partikolarment rilevanti għal awturi ta' reat jew persuni aktar suxxettibbli għal diskors u messaġġi ta' mibegħda, sabiex jinkoraġġixxi l-ħsieb kritiku u l-għbir tal-għarfien. Għandhom jiġu pprovdu appoġġ u moderazzjoni biex tiġi żgurata l-libertà tal-espressjoni, jiġu ffaċilitati dibattiti kostruttivi, jiġi eżerċitat il-kontroll tal-kontenut, u tiġi evitata l-eskalazzjoni.

Il-kumpaniji ewlenin tal-media soċjali jistgħu jassistu fl-implimentazzjoni ta' funzjoni fejn l-utenti jiġu riferuti lill-pjattaforma biex isibu appoġġ jekk jaħsbu li ċerti posts jistgħu jkunu ta' mibegħda. Jista' jkun hemm programmi ta' riferiment jew sistemi ta' premjazzjoni li jillinkjaw mas-sit web li għandhom ikunu kreattivi u attraenti għal subsezzjonijiet differenti tal-popolazzjoni.

Ġustifikazzjoni:

L-għan ta' din ir-rakkomandazzjoni huwa li tinħoloq pjattaforma li ma tissostitwix ideat simili, iżda li toħloq

bażi tad-data ta' riżorsi utli. Għalhekk, il-pjattaforma għandha tkun interkonnessa ma' siti web eżistenti oħrajn, riżorsi dwar il-mibegħda u kanali ta' appoġġ għall-vittmi tal-mibegħda u għall-gruppi partikolarment vulnerabbli biex jagħmluha kemm jista' jkun faċli u ta' għajjnuna. Għan ieħor tal-pjattaforma huwa li żżid is-sensibilizzazzjoni u tippromwovi l-involvement konxju b'riżorsi rilevanti. Filwaqt li hemm għadd kbir ta' inizjattivi, riżorsi u kampanji differenti, il-biċċa l-kbira tan-nies ma jafux fejn isibu dik l-informazzjoni u l-għajjnuna kollha. Dan jista' jkun iffaċilitat minn pjattaforma ċentrali waħda fejn in-nies jistgħu jaċċessaw din l-informazzjoni kollha. Is-sit web jista' jkollu wkoll kampanja ta' sensibilizzazzjoni.

Fuq il-pjattaforma, l-iskambji minn persuna għal oħra (eż. permezz tal-funzjoni taċ-chat) jistgħu jgħinu lin-nies jifhmu l-emozzjonijiet, l-esperjenzi diversi u l-ostakli f'ħin reali mill-kumdità ta' djarhom. Dan jista' jippermetti wkoll lill-vittmi jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jikkuntattjaw lil xi ħadd li jista' jgħinohom iħossuhom aħjar, u b'hekk ineħħu l-piżijiet li jkollhom fuqhom.

Sfida waħda għal din il-pjattaforma hija li jista' jkun diffiċli li tiġi implimentata u li jiġi żgurat li l-istruttura tas-sit web tkun faċli biex tinftiehem, tiġi aċċessata u navigata għaċ-ċittadini. Bl-istess mod, se jkun ta' sfida biex is-sit web isir interessanti biżżejjed għal bosta ċittadini tal-UE biex iżuruh minn rajhom. Barra minn hekk, filwaqt li l-panel huwa konxju mill-isfidi tal-ħolqien ta' sit web bħal dan fil-lingwi kollha meħtieġa, aħna nemmnu li dan ikun sforz utli. Jekk in-nies ikunu jistgħu jaqsmu l-istejjer personali tal-vittmi fuq is-sit web dan jista' jagħmilha aktar attraenti emozzjonalment u effettiva. Il-mibegħda hija fenomenu li ġie qabel l-Internet, għalkemm setgħet ġiet aggravata minnu, u mhux se tingħeleb faċilment minn pjattaforma waħda. Madankollu, il-panel jemmen li l-pjattaforma tista' tkun mod effettiv biex jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar il-prevalenza tal-mibegħda, iżda wkoll tagħti lin-nies l-għodda biex jitjiebu u jindirizzaw il-mibegħda li jiltaqqgħu magħha kemm offline kif ukoll online.



Ir-rwol tal-media u tal-politika – Rakkomandazzjonijiet 8 sa 10

Rakkomandazzjoni 8: Stabbiliment ta' Kumitat ta' Fiduċja indipendenti

Nipproponu li jiġi stabbilit Kumitat ta' Fiduċja indipendenti biex jiġi stabbilit Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew u jiġu mmonitorjati d-diskors ta' mibegħda u l-miżinformazzjoni. Il-Kumitat ta' Fiduċja għandu jkun magħmul minn esperti multidixxiplinari (pereżempju ċittadini, esperti legali, psikologi, soċjologi, NGOs u esperti politiċi) u għandu jiġi ssorveljat miċ-ċittadini. Biex tiġi żgurata rappreżentanza wiesgħa, iċ-ċittadini jintgħażlu b'mod aleatorju-skont kriterji infurzati biex tissaħħaħ ir-rappreżentanza ta' gruppi vulnerabbli fis-soċjetà. Ladarba jiġi stabbilit, il-Kumitat se jiddelibera u jiddeċiedi dwar Kodiċi ta' Kondotta, applikabbli għall-uffiċjali u l-awtoritajiet pubbliċi. Il-Kodiċi ta' Kondotta jista' jiġi aġġustat. Il-Kumitat ta' Fiduċja juża l-Kodiċi ta' Kondotta biex jiġbor id-data, jimmonitorja l-implimentazzjoni u jiżviluppa linji gwida ulterjuri dwar l-identifikazzjoni u l-indirizzar tad-diskors ta' mibegħda. Il-Kumitat ta' Fiduċja għandu wkoll punt ta' kuntatt ufficijali ma' ċittadini oħrajn tal-UE, biex jirrapporta ksur u diskors ta' mibegħda mill-politikanti. Il-membri se jaħdmu b'rotazzjoni biex jiġi żgurat il-pluraliżmu fost il-Kumitat. Biex iżomm l-integrità tiegħu, il-kumitat se jinforza regoli stretti għas-sħubija fil-Kumitat ta' Fiduċja biex jiġu pprevenuti l-kunflitti ta' interess tal-membri tiegħu.

Ġustifikazzjoni:

Kumitat ta' Fiduċja, li jimmonitorja, isegwi u jiżviluppa l-implimentazzjoni ta' kodiċi ta' kondotta kontra d-diskors ta' mibegħda, huwa neċessarju biex jiproteġi lill-individwi u lill-komunitajiet mill-effetti ta' ħsara tad-diskors ta' mibegħda, speċjalment minn ufficijali u awtoritajiet pubbliċi. Bl-iżvilupp ta' kodiċi ta' kondotta komprensiv ibbażat fuq il-kontribut minn esperti legali, psikologi, soċjologi, ċittadini u oħrajn, dan il-kumitat jista' jistabbilixxi linji gwida u aspettattivi ċari għall-imġiba. Tali kumitat ta' fiduċja huwa vitali biex terġa' tinkiseb u titrawwem il-fiduċja fl-istituzzjonijiet u fir-rappreżentanti. Bl-implimentazzjoni u bil-monitoraġġ ta' Kodiċi ta' Kondotta għal imġiba affidabbli, tiġi żgurata trasparenza akbar. Il-Kumitat jaġixxi b'mod indipendenti u trasparenti u jiġi ssorveljat miċ-ċittadini, u b'hekk tiżdied il-leġittimità tiegħu. Biex ikun effettiv, il-kumitat irid ikollu tim kompost tajjeb u multidixxiplinari, li jirrappreżenta diversi perspettivi u gruppi vulnerabbli.

Rakkomandazzjoni 9: Affidabilità, Fatti u Trasparenza: Verifika u Kjarifika tal-Finanzjament tal- Informazzjoni

Nirakkomandaw li l-media tintalab tikkollabora ma' organizzazzjonijiet indipendenti tal-verifika tal-fatti, tkun trasparenti dwar is-sorsi ta' finanzjament tagħha, tfeġġeg liċ-ċittadini jivverifikaw l-informazzjoni li jirċievu, u tillimita l-influenza politika tal-udjenza tal-media, billi:


- Jiġu stabbiliti protokollu rigorużi għall-verifika u għaċ-ċertifikazzjoni ta' informazzjoni għal individwi, assoċjazzjonijiet u kumpaniji li għandhom skop kummerċjali u/jew li jużaw fondi pubbliċi (eż. biex jiżvelaw l-istatus legali tagħhom);
- Media indipendenti għal diversità aħjar ta' sorsi, il-pubblikazzjoni tal-finanzjament ta' studji ta' ċertifikazzjoni u l-benefiċjarji tat-tixrid tal-informazzjoni;
- Jitnedew kampanji biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini dwar l-importanza tal-verifika tal-informazzjoni;
- Jiġi llimitat in-numru ta' mezz tal-media li persuna jew kumpanija waħda jista' jkollha (radju, televiżjoni, pjattaformi soċjali, gazzetti, eċċ.);

Għodda "Black Box"* trid tkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku u tkun obligatorja għal persuni jew kumpaniji li għandhom skop kummerċjali jew li huma ffinanzjati minn parti terza; dawn in-nies jew kumpaniji jiġu sanzjonati skont il-fatturat globali tagħhom f'każ ta' tixrid volontarju ta' aħbarijiet foloz/diskors ta' mibegħda.

Ġustifikazzjoni:

It-tixrid tal-miżinformazzjoni ikattar il-firda u l-mibegħda fis-soċjetà tagħna. Billi niggarantixxu li l-informazzjoni tiġi vverifikata minn korpi indipendenti u billi niffinanzjaw media indipendenti, nistgħu nnaqqsu n-nuqqas ta' ftehim u l-manipulazzjoni. It-trasparenza dwar is-sorsi ta' finanzjament għall-media li tibbenefika mit-tixrid tal-informazzjoni ssaħħaħ il-fiduċja pubblika fil-media. Barra minn hekk, l-inkoraġġiment taċ-ċittadini biex jadottaw attitudni aktar kurjużi u kritika lejn l-informazzjoni li jirċievu huwa essenzjali għal soċjetà aktar infurmata u reżiljenti fir-rigward tal-miżinformazzjoni. Dawn l-approċċi jgħinu biex jippromwovu soċjetà aktar magħquda u jiżguraw pluralità ta' vuċijiet fl-ispazju tal-media.

* "Black Box" v *Mediapart* fi Franza: it-trasparenza tas-sorsi, il-proċess ta' verifika, il-metodoloġija tar-riċerka, il-kuntesti u l-limiti, is-sjeda tal-media u l-finanzjament tal-media.



Rakkomandazzjoni 10: L-Ewropa Tiltaqa' Miegħek: Media Parteċipattiva għaċ-Ċittadini

Nirakkomandaw it-tkabbir tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini biex jiġi llegalizzat il-kontenut tal-media u titrawwem kultura kondiviża ta' reċiproċità u rispett li teqred il-mibegħda. Tali parteċipazzjoni se tkun ibbażata fuq tliet kanali li jikkomplementaw lil xulxin, jiġifieri:

Mezz tal-media parteċipattiv fejn iċ-ċittadini jikkontribwixxu għall-għażliet editorjali. Din is-sistema tkun ibbażata fuq networks u kumpaniji eżistenti, kemm pubbliċi kif ukoll privati, li jiġu inċentivati biex jipubblikaw informazzjoni ta' kwalità għolja permezz ta' fondi ġodda. Il-kanali lokali jiġu apprezzati b'mod speċjali bħala l-eqreb taċ-ċittadini, l-istess bħall-panels taċ-ċittadini fil-livelli lokali u nazzjonali biex jinftemmu l-prijoritajiet tagħhom f'dawn l-oqsma;

Forum għal dibattiti fil-forma ta' kanal tal-media soċjali b'app attraenti u faċli għall-utent protetta minn regoli ta' trasparenza;

Repożitorju kollaborattiv online li jaħżen aħbarijiet u diskussjonijiet ta' kwalità biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jibnu storja kondiviża għall-edukazzjoni taż-żgħażaġħ u l-progress f'suġġetti ewlenin għall-futur tal-UE.

Din is-sistema se twassal il-valuri tal-UE kontra d-diskors ta' mibegħda, li qabel kien definit f'karta komuni. Korp b'funzjonijiet ta' ombudsman u kumitat tal-etika se jiffiltra l-kontenut biex jiżgura li jkun allinjat ma' dawn il-valuri; għandha tiġi kkunsidrata wkoll il-possibiltà li tintuża l-IA. Fl-aħħar nett, l-implimentazzjoni ta' din is-sistema se tiġi mmonitorjata minn kumitat magħżul ta' ċittadini li jiżgura li l-għażliet editorjali ma jiġux imposti minn interessi ekonomiċi jew ideoloġiċi.

Ġustifikazzjoni:

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti peress li tinkludi direttament liċ-ċittadini, u b'hekk tilleġittimizza lill-istituzzjonijiet tal-UE nfushom permezz tad-demokrazija diretta. Se tippermetti liċ-ċittadini jsibu informazzjoni dwar dak li jridu, mingħajr ma jiġu influwenzati b'mod politiku, pereżempju biex jaqblu mal-gvern nazzjonali tagħhom. Tingħata attenzjoni speċjali liż-żgħażaġħ peress li din is-sistema tal-media tqis ukoll mezz ta' komunikazzjoni li huma eqreb tagħhom mill-istazzjonijiet televiżivi tradizzjonali. Bl-istess mod, it-tfal jistgħu jiġu inklużi permezz ta' kontenut imfassal apposta bħal korsijiet edukattivi jew loġħob, skont l-età tagħhom. Nemmu li din is-sistema hija importanti biex jinqerdu bis-siġħ id-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda peress li se tkun pjattaforma tal-media li ma twassalx messaġġi ta' mibegħda. Billi nafu li hemm riskju li n-nies ma jużawx din is-sistema, se jkollna niżguraw li nagħmluha attraenti u interessanti billi ninvestu biżżejjed fondi fis-sistema.

L-aspett diġitali u t-teknoloġija – Rakkomandazzjonijiet 11 sa 14

Rakkomandazzjoni 11: Nifqgħu l-Bużżejja: Nippromwov Perspettivi Diversi fuq il-Media Soċjali

Biex tiġi miġġielda r-radikalizzazzjoni online, nirakkomandaw li l-pjattaformi tal-media soċjali jingħataw il-mandat li jiddiversifikaw il-kontenut muri lill-utenti. L-algoritmi spiss joħolqu kmamar tal-eku, jimbuttaw kontenut preġudikat u jwasslu lill-utenti fi spiralli bla tmiem. Billi naġġustaw l-algoritmi biex nippreżentaw firxa usa' ta' fehmiet, nistgħu nipprejvju d-dominanza ta' kwalunkwe perspettiva unika u nippromwov fehim aktar ibbilanċjat tas-suġġetti.

Kif? Is-soluzzjoni proposta tagħna tiżgura li meta l-utenti jaraw kontenut estremist, l-algoritmu sussegwentement juri kontenut minn perspettivi opposti. Dan l-approċċ iħeġġeġ lill-utenti biex jaraw narrattiva aktar sfumata u komprensiva, li effettivament tifqa' l-bżejjaq tal-kontenut li attwalment ikunu qegħdin jiżolawhom.

Din l-istrateġija mhux biss tnaqqas ir-riskju tar-radikalizzazzjoni iżda trawwem ukoll il-ħsieb kritiku u l-empatija billi tesponi lill-utenti għal opinjonijiet diversi. L-implimentazzjoni ta' din il-bidla se tagħmel il-media soċjali spazju aktar informattiv u bbilanċjat, li jikkontribwixxi għal ambjent online aktar san għal kulħadd.

Ġustifikazzjoni:

ħsieb Kritiku Msaħħaħ: L-esponiment tal-utenti għal perspettivi diversi jrawwem il-ħsieb kritiku u jħeġġeġ lill-individwi jevalwaw l-informazzjoni b'mod aktar rigoruż, u b'hekk titnaqqas is-suxxettibbiltà għal ideoloġiji radikali.

Polarizzazzjoni Mnaqqsa: Billi jżarma l-kmamar tal-eku, dan l-approċċ jista' jnaqqas il-polarizzazzjoni tas-soċjetà, billi jippromwovi d-djalogu u l-fehim bejn gruppi differenti.

Pubbliku Infurmat: Dieta ta' informazzjoni aktar ibbilanċjata tiżgura li l-pubbliku jkun infurmat aħjar dwar diversi kwistjonijiet, li jwassal għal diskussjonijiet aktar sfumati u teħid ta' deċiżjonijiet b'aktar ħsieb.

Saħħa Mentali Mtejba: Il-konsum ta' varjetà ta' kontenut jista' jnaqqas l-ansjetà u l-istress assoċjati mal-konsum ta' informazzjoni ripetittiva u potenzjalment xewwiexa.

Tiħiħ Demokratiku: Soċjetà li hija esposta għal diversità ta' fehmiet hija mgħammra aħjar biex tinvolvi ruħha fi proċessi demokratiċi, filwaqt li trawwem demokrazija aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni se tagħmel il-media soċjali pjattaforma għall-edukazzjoni u għad-diskors kostruttiv, li fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal soċjetà aktar infurmata, koeżiva u empatetika.

Rakkomandazzjoni 12: Indirizzar tal-anonimità online biex tiġi indirizzata l-mibegħda

Nirakkomandaw li l-anonimità online tiġi rregolata sabiex l-awturi tad-diskors ta' mibegħda jiġu ttrekkjati, investigati u jinżammu responsabbli aħjar mill-awtoritajiet xierqa.

Għalhekk nirakkomandaw:

Li l-UE u l-Istati Membri jinfurzwaw l-applikazzjoni ta' regolamenti u leġislazzjonijiet eżistenti u futuri;

- Jistabbilixxu sistema ta' awtentikazzjoni tal-identità fil-livell ta' kull Stat Membru, li fiha tinġabar l-informazzjoni minima meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' persuna permezz ta' portal ġestit mill-gvern. Din għandha tiġi armonizzata gradwalment fil-livell tal-Istati Membri tal-UE;
- Rekwiżit li l-pjattaformi tal-media soċjali l-aktar importanti jikkooperaw aħjar mal-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali fl-applikazzjoni tal-leġislazzjonijiet eżistenti u futuri u fl-użu tas-sistema ta' awtentikazzjoni tal-identità;
- Is-sensibilizzazzjoni għall-utenti online dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom meta jtellgħu kontenut permezz ta' Karta Ewropea ġdida dwar il-kondotta, implimentata fil-pjattaformi tal-media soċjali l-aktar importanti kif ukoll permezz ta' entitajiet pubbliċi, skejjel u gruppi komunitarji.

Ġustifikazzjoni:

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti minħabba li hemm żieda drammatika fid-diskors ta' mibegħda, speċjalment online. Ir-regolamentazzjoni tal-anonimità tagħmilha aktar faċli biex l-awturi tal-mibegħda online jiġu identifikati u jinżammu responsabbli.

Minkejja dan, jeħtieġ li l-anonimità tiġi protetta abbażi ta' kif tinftiehem attwalment il-libertà tal-kelma, sabiex jiġi ggarantit skambju liberu ta' fehmiet u opinjonijiet online.

Rakkomandazzjoni 13: Karta tal-UE għan-Navigazzjoni Sikura

Nirakkomandaw l-introduzzjoni ta' Karta tal-UE għan-Navigazzjoni Sikura għat-tfal minn 8 snin 'il fuq. Din il-karta tkun disponibbli wkoll f'verżjoni adattata għall-gruppi ta' età akbar. B'din il-karta, it-tfal se jiksibu l-filiet li jeħtieġu biex jinnavigaw l-Internet b'mod indipendenti u sikur u biex jindirizzaw kontenut ta' mibegħda online. F'kors ta' taħriġ imwettaq mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-iskejjel, it-tfal jitgħallmu b'mod adattat għall-età tagħhom, fost affarijiet oħrajn:

- Kif nista' nagħraf u nirrispondi għall-kontenut ta' mibegħda?
- Għal xiex għandi noqgħod attent biex nevieta li nxerred (mingħajr ma naf) kontenut ta' mibegħda jien stess?
- Lil min nista' nkellem jekk nisfa vittma ta' mibegħda?

- X'inhuma l-limiti tal-privatezza?

It-taħriġ għandu jkun divertenti u adattat għall-età. Il-ħarrieġa (organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, NGOs, eċċ) għandhom jiġu appoġġati b'finanzjament xieraq u meħtieġ mill-UE u l-Istati Membri. Il-ħarrieġa għandhom ukoll jingħataw standards komuni dwar it-terminoloġija. Ladarba t-tfal ikunu temmew it-taħriġ, jirċievu Karta tal-UE għan-Navigazzjoni Sikura. Fil-livell nazzjonali, il-ġenituri u l-għalliema għandhom ikunu involuti fil-promozzjoni u fl-implimentazzjoni tal-karta (meta titqies in-natura volontarja tagħha), filwaqt li fil-livell tal-UE, il-promozzjoni tal-Karta tal-UE għan-Navigazzjoni Sikura għandha tkun obligatorja fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, għandu jiġi eżaminat jekk l-aċċess għal ċertu kontenut fuq l-Internet jistax ikun marbut mal-akkwist ta' liċenzja tas-sewqan. It-tfal li jkunu kisbu liċenzja tas-sewqan għandu jkollhom ukoll l-oportunità għal networking online ma' tfal oħrajn minn madwar l-UE kollha.

Ġustifikazzjoni:

Aħna naħsbu li l-idea hija effettiva minħabba li t-tfal iżgħar fl-età b'mod partikolari jkunu kburin li jkollhom Karta tal-UE għan-Navigazzjoni Sikura (simili għal liċenzja tar-roti). Il-karta tagħmilha wkoll aktar faċli għall-ġenituri, li spiss ma jkollhomx il-filiet meħtieġa biex iħejju lit-tfal tagħhom biex jużaw l-Internet b'mod sikur. Jistgħu wkoll jorbtu diversi kundizzjonijiet mal-kisba tal-karta (eż. aċċess għal loġġba online speċifika). Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, l-introduzzjoni tal-Karta tal-UE għan-Navigazzjoni Sikura tiżgura skambju interkulturali b'limitu baxx bejn it-tfal fl-Ewropa, li min-naħa tiegħu jippromwovi t-tolleranza u l-empatija.

Rakkomandazzjoni 14: Moderazzjoni bl-IA: Protezzjoni tal-Media Soċjali mid-Diskors ta' Mibegħda

Nirakkomandaw l-iżvilupp ta' għodda tal-IA biex tidentifika diskors ta' mibegħda illegali fuq il-pjattaformi tal-media soċjali, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tal-UE. Din l-għodda se tiffunzjona kif ġej:

Detezzjoni u Mmarkar:

- Tidentifika diskors ta' mibegħda abbażi tad-definizzjoni tal-UE ta' diskors ta' mibegħda illegali;
- Timmarka posts bħala diskors ta' mibegħda potenzjali u tinforma lill-awtur;
- Il-posts immarkati jiġu rieżaminati minn moderatur uman fi żmien 24 siegħa;
- Il-posts li jaqgħu taħt il-libertà tal-kelma jiġu rilaxxati;
- Il-posts li jkun fihom diskors ta' mibegħda illegali jintbagħtu lill-awtoritajiet għall-prosekuzzjoni u sussegwentement jitħassru.
- Detezzjoni ta' Qabel il-Pubblikazzjoni:
- Tidentifika d-diskors ta' mibegħda qabel ma jiġi ppubblikat il-kontenut;

- Tinnotifika lill-awturi jekk il-posts tagħhom jidhru li jkun fihom diskors ta' mibegħda illegali;
- Tipprovdi opportunità għall-awturi biex jirrevedu jew jipubblikaw xorta waħda;
- Jekk jittella', il-kontenut jibqa' mmarkat sakemm jiġi rieżaminat minn bniedem, bi twissija dwar il-legalità u l-konsegwenzi tal-pubblikazzjoni ta' diskors ta' mibegħda.
- L-implimentazzjoni obbligatorja ta' din l-għodda fil-media soċjali kollha fl-UE se ttejjeb is-sikurezza online, tipproteġi l-komunitajiet emarġinati u tiżgura l-konformità mar-regolamenti dwar id-diskors ta' mibegħda, filwaqt li trawwem ambjent diġitali aktar rispettuż.

Ġustifikazzjoni:

Protezzjoni Msaħħa: Din l-għodda tal-IA tipprovdi protezzjoni robusta għall-gruppi emarġinati billi tidentifika u timmitiga d-diskors ta' mibegħda qabel ma jkun jista' jikkawża ħsara. Billi nidentifikaw u nneħħu b'ħeffa l-kontenut illegali, noħolqu ambjent online aktar sikur.

Effiċjenza u Akkuratezza: It-taħlita ta' detezzjoni permezz tal-IA flimkien mar-rieżami mill-bniedem tiżgura akkuratezza għolja fl-identifikazzjoni tad-diskors ta' mibegħda filwaqt li tiġi rrispettata l-libertà tal-kelma. Il-proċess ta' rieżami ta' 24 siegħa jibbilanċja l-veloċità u r-reqqa, filwaqt li jimminimizza l-firxa ta' kontenut ta' ħsara.

Responsabbiltà: Billi tinnotifika lill-awturi tal-kontenut dwar id-diskors ta' mibegħda potenzjali u l-implikazzjonijiet legali, l-għodda tippromwovi r-responsabbiltà u s-sensibilizzazzjoni. L-utenti jiġu edukati dwar x'jikkostitwixxi diskors ta' mibegħda illegali, filwaqt li titħeġġeġ komunikazzjoni aktar maħsuba u rispettuża.

Miżuri Preventivi: Id-detezzjoni ta' qabel il-pubblikazzjoni tippermetti lill-utenti jirrevedu kontenut potenzjalment dannuż qabel ma jiġi ppubblikat. Dan l-approċċ proattiv jgħin jipprevjeni t-tixrid tad-diskors ta' mibegħda, inaqqas il-ħtieġa ta' azzjonijiet punittivi u jrawwem kultura ta' rispettt.

Konformità Legali: L-iżgurar li l-pjattaformi tal-media soċjali jaderixxu mal-liġijiet tal-UE dwar id-diskors ta' mibegħda joħloq standard uniformi fl-ispazju diġitali kollu. Din l-armonizzazzjoni tissimplifika l-infurzar u ssaħħaħ il-qafas legali kontra d-diskors ta' mibegħda online.

Bidla Soċjali Pożittiva: L-implimentazzjoni ta' din l-għodda tippromwovi soċjetà aktar inklużiva u rispettuża. Billi nnaqqsu l-prevalenza tad-diskors ta' mibegħda, inkunu qed inħeġġu vuċijiet u perspettivi diversi, intejbu l-koeżjoni soċjali u l-fehim reċiproku.

B'mod ġenerali, din l-għodda tal-IA tirrappreżenta pass sinifikanti lejn ambjent online aktar sikur u aktar rispettuż, li jallinja l-interazzjonijiet diġitali mal-valuri tal-inklużività u tad-dinjità.

Edukazzjoni – Rakkomandazzjonijiet 15 sa 17

Rakkomandazzjoni 15: Tixrid ta' Kultura ta' Dibattitu fl-Iskejjel Ispirata mill-Panel taċ-Ċittadini

Nirakkomandaw l-organizzazzjoni ta' dibattiti qosra fl-iskola, bħal "panel taċ-ċittadini zġħar", matul il-ħin tal-iskola. L-aktar mod effettiv biex it-tfal jiġu involuti fid-dibattiti (mingħajr ma tinholq "klassi ċivika") huwa li l-inizjattiva tiġi stabbilita f'ambjent sikur, bl-appoġġ tal-komunità edukattiva: bħal superviżuri, assistenti u għalliema. Pereżempju, l-organizzazzjoni ta' dibattitu dwar l-ikliet fil-kantin, b'attenzjoni għad-drawwiet ta' reliġjonijiet differenti, hija mod kif jinħolqu diskussjonijiet ibbażati fuq suġġetti konkreti li jaffettwaw lit-tfal ta' kuljum u kif jinkiseb benefiċċju mill-għarfien esperjenzat tan-nies fl-iskola, bħall-persunal tal-kantin u l-kokkijiet. Persuni li ġejjin minn sfondi differenti li ma humiex strettament konnessi mas-settur edukattiv (jiġifieri l-pulizija) jistgħu jkunu involuti wkoll fil-proċess ta' spjegazzjoni tal-ħidma tagħhom lit-tfal. Rigward is-suġġetti koperti minn dawn id-dibattiti, għandna nikkonsultaw direttament lit-tfal dwar is-suġġetti li jixtiequ jsiru jifhmu aktar fil-fond. It-tfal jistgħu jiddiskutu kwalunkwe suġġett sakemm dan jiġi adattat għal-livell tagħhom u jkun xieraq. Biex din l-esperjenza u l-kultura ta' dibattitu jiġu kondiviżi madwar l-Unjoni Ewropea, il-ġemellaġġ fost l-iskejjel jista' jkun effettiv. Pereżempju, matul l-iskambji, id-delegati tal-iskejjel li ħadu sehem f'dibattitu setgħu jivvjaġġaw u jikkondividu l-esperjenza u l-fehmiet tagħhom ma' delegati oħrajn ta' skejjel minn pajjiżi Ewropej. Ir-"riżultati" ta' dawn id-dibattiti jistgħu jikkontribwixxu għall-pjattaforma taċ-ċittadini għat-tfal.



Ġustifikazzjoni:

Iż-żgħażaġġ huma aktar moħħhom miftuħ u kapaċi jaċċettaw fehmiet differenti, li huwa aspett kruċjali tal-għlieda kontra l-mibegħda. Għalhekk, it-tfal jeħtiġilhom isiru konxji tal-kultura ċivika u tal-involvement ċiviku fl-iskola (minn 6 sa 16). Dawn il-“panels” organizzati fl-iskola għandhom ikunu għodda ta’ taħriġ għat-tfal. Il-kultura tal-parteċipazzjoni u l-ħiliet żviluppata matul dawn id-dibattiti jistgħu jkunu utli matul ħajjithom kollha. Il-programmi ta’ ġemellaġġ fost l-iskejjel jistgħu jkunu effettivi minħabba li ma jbidlux kompletament il-programmi edukattivi tal-Istati Membri, iżda jimplementaw inizjattiva komuni li għandha l-għan li żżid il-ħsieb kritiku u l-fehim fost it-tfal Ewropej.

Rakkomandazzjoni 16:
Tisħiħ tal-ħiliet Soċjali u Emozzjonali
tat-Tfal u ż-Żgħażaġġ għall-Prevenzjoni
tal-Mibegħda

Nitolbu li jiġu introdotti miżuri fuq terminu qasir u medju biex jissafħu l-ħiliet emozzjonali u soċjali tat-tfal. Biex isir dan, nirrakkomandaw li jittejjeb l-ambjent tat-tagħlim fl-iskejjel u jiġu offruti attivitajiet bħat-teatru, l-arti, il-komunikazzjoni mhux vjolenti, u l-edukazzjoni ċivika fl-iskejjel u madwarhom biex jiġu mgħallma l-ħsieb kritiku, l-empatija u l-ħiliet emozzjonali. Fuq medda qasira ta’ żmien, nitolbu li jkun hemm aktar studji ta’ riċerka aħjar dwar l-impatt tal-attivitajiet li nipproponu għall-prevenzjoni tal-mibegħda. Fuq terminu qasir u medju, nitolbu li tinbidel l-enfasi tal-prijorità ta’ programmi bħal ERASMUS+, CERV jew programmi ffinanzjati mill-fondi strutturali tal-UE biex jiġu appoġġati dawk l-attivitajiet li jipprevjenu l-mibegħda fl-iskejjel u madwarhom. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun proattiva biex tindika dawk il-prijoritajiet u tikkomunikahom b’mod wiesa’ (eż. billi tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri u sejħiet għal proġetti) u tikkoopera mal-UNESCO u mal-Kunsill tal-Ewropa biex tissinkronizza mal-programmi korrispondenti tagħhom. L-iskejjel, l-għalliema u l-atturi lokali mbagħad ikunu jistgħu jużaw dawk il-fondi biex iwettqu l-attivitajiet. Sabiex tiżdied l-inklużjoni soċjali, l-attivitajiet għandhom ikunu mingħajr ħlas għal kulħadd. Wara perjodu ta’ madwar 5 snin, aħna nitolbu li jkollna evalwazzjoni xierqa ta’ dan, biex niffukaw mill-ġdid u niddeċiedu jekk il-miżuri kellhomx impatt. Dan jista’ jwassal għal żieda fil-kapaċità tal-UE fil-prevenzjoni tal-mibegħda fl-iskejjel.

Ġustifikazzjoni:

Is-sistema edukattiva kurrenti ma tiħux il-kwistjonijiet tal-ħiliet emozzjonali u soċjali bis-serjetà biżżejjed. L-iskejjel huma wkoll post fejn qiegħda tiġi esperjenzata l-mibegħda. It-tfal ma humiex ippreparati sew biex isiru adulti li jkunu konxji tal-emozzjonijiet tagħhom. L-iskejjel huma l-post fejn imorru t-tfal kollha u jistgħu jitgħallmu kif jgħixu flimkien. Il-ħolqien ta’ atmosfera tajba ta’ tagħlim huwa l-aħjar mod għall-prevenzjoni tal-mibegħda. Li wieħed isir jaf lilu nnihsu u lil ħaddieħor jippermetti ħsieb kritiku u awtokritiku

aħjar u aktar tolleranza. Attivitajiet bħat-teatru, iż-żfin u l-komunikazzjoni mhux vjolenti huma modi tajbin biex jinkisbu dawn il-ħiliet.


Rakkomandazzjoni 17:
Edukazzjoni għal Kull Ġenerazzjoni għal
Kull Nazżjon dwar il-Komunikazzjoni mhux
Vjolenti

Nirrakkomandaw li: Fuq terminu qasir, jinħolqu linji gwida ta’ komunikazzjoni mhux vjolenti (imnebbħa minn dokumenti bħall-manwal “From Hate Speech to Non-Violent Communication”) imfassla apposta għal materjal edukattiv għaż-żgħażaġġ u għall-adulti:

- Fuq terminu medju, li l-Istati Membri jħejju korsijiet ta’ komunikazzjoni mhux vjolenti li jikkomplementaw il-benefiċċji tal-qgħad għall-adulti;
- Fuq terminu medju, l-Istati Membri jħejju materjal edukattiv għall-impjegati;
- Fuq terminu qasir, l-UE toħloq vidjos dwar it-tliet kunċetti (TOLLERANZA – TJUBIJA – MAĦFRA) fil-kontenut tal-media;
- Fuq terminu medju, l-iskejjel joffru possibiltajiet ta’ edukazzjoni dwar il-komunikazzjoni mhux vjolenti għall-ġenituri (eż. fl-iskejjel);
- Fuq terminu medju u twil, l-UE tadotta l-adattament ta’ testi impliċiti (eż., taħriġ u eżamijiet): il-komunikazzjoni mhux vjolenti għandha tiġi inkorporata bħala n-norma fil-lingwa tagħna;
- Fuq terminu twil, l-Istati Membri jagħmlu l-metodoloġija tal-komunikazzjoni mhux vjolenti parti mill-proċessi ta’ riintegrazzjoni tal-ħabsin.

Ġustifikazzjoni:

Il-komunikazzjoni hija wieħed mill-aktar modi importanti biex ninftehmu fil-ħajja, iżda ħadd ma jgħallimhielna. Jekk ngħallmu din il-ħila, ikun hemm ħafna anqas kunflitt u tilwim fost in-nies. Is-sensibilizzazzjoni dwar is-sentimenti li wieħed iħoss, l-introspezzjoni u l-kompassjoni lejn ħaddieħor. Ikun hemm ħafna anqas mibegħda fl-Ewropa jekk din tiġi implimentata. Bħalissa ninsabu fil-quċċata tal-mibegħda u għandna naraw tnaqqis wara dan. Il-komunikazzjoni aħjar twassal għal kollaborazzjoni aħjar, li twassal għal Ewropa aktar magħquda.



Parteċipazzjoni taċ-ċittadini u inklużjoni soċjali – Rakkomandazzjonijiet 18 sa 21

Rakkomandazzjoni 18: **Ħolqien ta' Panels taċ-Ċittadini Ewropej għaż-Żgħażaġħ (Etajiet 16-25) għall-Indirizzar tal-Mibegħda**

Il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej għaż-żgħażaġh għandhom japplikaw proċess ta' għażla aleatorja, bħall-Panels taċ-Ċittadini Ewropej kurrenti, minħabba li dan iwassal għar-rappreżentanza ta' gruppi diversi. Il-panels għandhom ikopru suġġetti li huma relatati mal-isfidi u mal-opportunitajiet li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh (jiġifieri l-bullying, it-tolleranza, ir-rispett, l-isterjotipi u l-inklużjoni soċjali). Dawn il-panels għandhom jużaw liż-żgħażaġh bħala esperti biex jifhmu aktar fil-fond il-kwistjonijiet kruċjali u jsemmgħu lefinhom fil-livell tal-UE. Pereżempju, iż-żgħażaġh involuti f'assoċjazzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni jew għall-integrazzjoni tal-migranti jistgħu jaġixxu bħala "esperti" u "riżorsi" għall-Panel taż-Żgħażaġħ. Dawn il-Panels għandhom jiġu promossi fil-pjattaforma għall-involvement taċ-ċittadini (li jeħtieġ li tiġi kkunsidrata mill-ġdid, issir aktar interattiva, aktar "cool" u promossa aħjar).

Ġustifikazzjoni:

Iż-żgħażaġh spiss ma jkunux interessati fil-politika u jivvutaw f'livelli li dejjem qegħdin jonqsu. Ir-rappreżentanti politiċi tagħhom (kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew) jiġu eletti minn persuni akbar fl-età. Biex jiffamiljarizzaw ruħhom mad-dibattitu politiku, biex ikunu konxji ta' dak li tagħmel l-Unjoni Ewropea, u biex jieħdu interess fih, il-parteċipazzjoni f'panel taċ-ċittadini Ewropej bħal tagħna tista' tkun għodda interessanti biex jitrawwem involviment aktar permanenti. Il-livell Ewropew huwa kruċjali għaliex, f'bosta Stati Membri, il-viżjoni tal-Unjoni Ewropea tiġi ridotta għal "Brussell jiddeċiedi." Brussell huwa pperċepit bħala "il-kap il-kbir li jimponi ħafna regoli." L-esperimentar b'panel taċ-ċittadini jista' jippermetti liż-żgħażaġh iħossuhom eqreb tal-Ewropa u ta' żgħażaġh Ewropej oħrajn. Peress li iż-żgħażaġh huma fost il-vittmi ewlenin tal-mibegħda, huwa għalhekk kruċjali li wieħed jiffoka fuqhom.

Rakkomandazzjoni 19: **Żvilupp ta' Servizzi Ċiviċi Volontarji fil-Komunitajiet Lokali għall-Adulti**

Iż-żmien biex wieħed jieħu sehem f'dawn l-attivitajiet ta' volontarjat irid jiġi pprovdut, pereżempju billi jkun hemm liv bi ħlas mix-xogħol riżervat speċifikament għall-involviment ċiviku. Fl-istess ħin, irridu nqisu l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom. Il-benefiċċji ekonomiċi jistgħu jkunu motivaturi kbar biex jiżdied l-involviment ċiviku fost kategoriji differenti (eż. it-tnaqqis tat-taxxa). Finalment, l-importanza tal-inizjattivi lokali għandha

tiġi promossa fil-livell tal-UE: l-UE tista' tinċentiva u tappoġġa dawn l-inizjattivi lokali madwar l-Ewropa, billi tipprovdi esperjenza u appoġġ finanzjarju. It-tul ta' żmien ta' dan is-servizz volontarju jkun iqsar minn Erasmus għall-impjegati jew għal dawk li jaħdmu għal rashom (pereżempju ġimgħa).

Ġustifikazzjoni:

Biex tiġi miġġielda l-mibegħda, il-livell lokali huwa importanti ħafna, u l-komunitajiet lokali huma appoġġ siewi għall-koeżjoni soċjali. Il-volontarjat f'assoċjazzjonijiet li pereżempju jippromwovu l-integrazzjoni għandu jkun aċċessibbli għall-etajiet kollha. L-Unjoni Ewropea tista' tappoġġa dawn l-inizjattivi għall-ġlieda kontra l-mibegħda fil-livell lokali u tippermetti skambji ta' esperjenzi bejn atturi lokali differenti.

Rakkomandazzjoni 20: **Għajnuna għar-Ritorn lejn it-Tifsira tal-Ħajja**

Nirakkomandaw li l-UE tteġġeg il-ħolqien ta' spazji komunitarji biex jiġu appoġġati l-persuni emarġinati. Din l-assistenza tista' tingħata f'direzzjonijiet differenti skont il-ħtiġijiet ta' dak li jkun. Nirakkomandaw li n-nies jingħataw l-opportunità li jsibu xogħol, bħala forma ta' awtonomija u stabbiltà personali, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu appoġġ speċifiku għal dawk il-gruppi li għandhom aktar diffikultà biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol, pereżempju, il-persuni b'diżabilità, ir-rifuġjati, il-persuni mingħajr dar, il-persuni abbużati, eċċ. Għajnuna speċifika f'dawn il-każijiet tista' tikkonsisti fit-ttejjija għal applikazzjonijiet għal impjieg, intervisti, il-kapaċità li wieħed jieħu ħsieb l-iġjene personali u l-ksib ta' ħwejjeġ xierqa għax-xogħol.

Jista' jkun hemm finanzjament pubbliku għal dan it-tip ta' inizjattivi mmexxija mill-komunità filwaqt li jiġu sfruttati n-networks ta' solidarjetà u l-inizjattivi volontarji li diġà jeżistu fil-komunità, sabiex l-investment finanzjarju jkun sostenibbli għall-baġits pubbliċi. Għandu jkun hemm impenn biex jinżammu l-kundizzjonijiet ta' finanzjament fit-tul taċ-ċentri.



Dawn l-inizjattivi ta' solidarjetà u appoġġ għandhom jinkludu flimkien żewġ ħtiġijiet: minn naħa waħda, l-għoti ta' assistenza speċjalizzata lil gruppi speċifiċi li jista' jkollhom bżonnijiet speċjali u, min-naħa l-oħra, li jibqgħu miftuħa għal gruppi emarġinati diversi mingħajr ma jinħolqu skali jew preferenzi ta' prijorità li jistgħu jikkontribwixxu għal mibegħda u diskriminazzjoni ulterjuri.

Assistenza speċifika u immedjata tista' tinstab f'dawn iċ-ċentri skont il-każijiet personali, bl-appoġġ ta' voluntiera u/jew professjonisti mħarrġa kif xieraq li jistgħu jidderieġu lin-nies lejn postijiet fejn jistgħu jirċievu assistenza speċifika. L-assistenza tista' tingħata mhux biss lil persuni minn gruppi emarġinati iżda lil kwalunkwe persuna f'ċirkostanzi personali jew sitwazzjonijiet tal-ħajja li għalihom jista' jkun meħtieġ appoġġ.

Jista' jkun hemm ukoll workshops, attivitajiet, skambji transkulturali, avvenimenti u ċelebrazzjonijiet f'dawn iċ-ċentri komunitarji li jgħinu biex jinħolqu sens ta' komunità u jingħelbu l-ostakli tad-diskriminazzjoni. Dawk l-ispazji għandhom jingħataw karattru uman, jiġifieri li n-nies iħossuhom milqugħa u komdi.

Għandu jkun hemm impenn reċiproku bejn iċ-ċentru, li se jipprovdi għajjnuna, u r-riċevitur, li għandu jikseb riżultati li ntlaħaq qbil dwarhom f'ċertu perjodu ta' żmien. Każijiet speċjali jistgħu jeħtieġu żmien itwal biex jiġu solvuti, billi jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ mill-esperti.

Ġustifikazzjoni:

Din hija importanti għaliex in-nies jirċievu ħafna għajjnuna billi jmorru f'dawn iċ-ċentri komunitarji. Dawn ikunu ġodda, joffru tama u ispirazzjoni. Din għandha ttejjeb is-saħħa mentali, tgħin lin-nies bi problemi fid-dar, tista' ttiprovdi saqaf għall-persuni kollha f'pożizzjoni vulnerabbli li jistgħu jingħataw għajjnuna b'din is-soluzzjoni, igawdu d-dritt fundamentali tagħhom li jgħixu ħajja dinjituża u tgħin lin-nies isibu tifsira. Hija importanti għaliex in-nies jistgħu jinfluwenzaw lil xulxin, jibnu relazzjonijiet, u jifhmu l-problemi ta' xulxin. In-nies ma jħossuhomx stigmatizzati jew emarġinati. Jeħtieġ li nerġgħu nsiru bnedmin (u mhux biss li naċċelleraw it-teknoloġija għad-detriment tal-umanizzazzjoni). In-nies jeħtieġu opportunitajiet, u din ir-rakkomandazzjoni tista' toħloq opportunitajiet ta' impjeg.

Ir-rakkomandazzjoni tista' trawwem soċjetà aktar inklużiva, ġusta, egalitarja, sinifikanti u empatetika, fejn kulħadd jista' jipparteċipa b'mod ugwali fis-soċjetà, u fejn ma ninnormalizzawx kwistjonijiet bħall-faqar u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar minħabba li joħloq l-mibegħda.

Din ir-rakkomandazzjoni tista' tgħin lis-soċjetà fil-livell taċ-ċittadini. F'termini ta' impatt, irridu nipprovdu rispons globali għal kwistjonijiet globali. L-impatt jidher fuq skala żgħira qabel ma jidded fil-livell.

Hemm riskji jekk l-assistenti soċjali ma jkunux mgħammra biex jagħmlu x-xogħol u jekk l-idea ma tkunx imfassla tajjeb. Riskji oħrajn jistgħu jkunu finanzjarji, lingwistiċi jew relatati mal-integrazzjoni.

Rakkomandazzjoni 21: Infittxu n-Nies: Indirizzar tal- Inugwaljanza Soċjali għall-Ġlieda kontra l-Mibegħda fl-UE

L-inugwaljanza soċjali, kif deskritta fid-definizzjoni tal-problema, tirrappreżenta wieħed mill-fatturi/kawżi ewlenin tal-mibegħda fis-soċjetà tagħna. Minkejja l-importanza tagħna, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri ma indirizzawx din il-problema b'mod adegwat, li enfasizza l-ħtieġa ta' riċerka komprensiva ffinanzjata mill-UE biex jiġu identifikati u indirizzati r-rabtiet bejn l-inugwaljanza soċjali u l-mibegħda.

Huwa essenzjali li jinftehem dawn ir-rabtiet għall-iżvilupp ta' politiki u interventi effettivi. Mingħajr evidenza empirika soda, ibbażata fuq data kwalitattiva u kwantitattiva, l-isforzi biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza soċjali jistgħu jkollhom direzzjoni ħażina jew ikunu ineffettivi. L-involvement tal-organizzazzjonijiet soċjali fil-ġbir tad-data jiżgura li d-data tirrifletti r-realtà ta' dawk l-aktar milquta mill-inugwaljanza, u jipprovdi pedament aktar preċiż u rilevanti għar-riċerka b'approċċ minn isfel għal fuq. Il-pubblikazzjoni kontinwa ta' dawn is-sejbiet se tinforma u tirfina l-isforzi li għaddejjin. Ir-riżultati tal-istudji jistgħu jiġu inkorporati f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni.

Ġustifikazzjoni:

L-iżvilupp ta' linji gwida u kampanji bbażati fuq riċerka rigoruża jippermetti azzjonijiet immirati li jindirizzaw il-modi speċifiċi li bihom l-inugwaljanza soċjali trawwem il-mibegħda. Dan l-approċċ strateġiku jista' jnaqqas b'mod sinifikanti t-tensjonijiet soċjali u jippromwovi l-koeżjoni soċjali, kif ukoll jippermetti bidla sistemika.

Il-ġbir ta' data dwar l-impatt ta' miżuri pożittivi u l-pubblikazzjoni kontinwa tas-sejbiet irawmu t-trasparenza u r-responsabbiltà. Dan il-proċess mhux biss jinforma lil dawk li jfasslu l-politika u lill-partijiet ikkonċernati iżda jibni wkoll il-fiduċja pubblika u jħeġġeġ sforzi kollaborattivi biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza soċjali.

L-istabbiliment ta' standards għal data verifikata u affidabbli u ta' metodoloġija armonizzata, li jinkludu kemm l-ilħna personali kif ukoll id-data kwantitattiva u kwalitattiva, jiżgura l-affidabbiltà u l-komprensività tar-riċerka.

L-indirizzar tal-inugwaljanza soċjali permezz ta' riċerka komprensiva u tal-ġbir tad-data huwa kruċjali għall-mitigazzjoni tal-mibegħda u għat-trawwim ta' soċjetà aktar koeżiva fl-UE. Dan l-approċċ jipprovdi l-għarfien u l-għodod meħtieġa biex jiġu żviluppati politiki u interventi effettivi, li fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għal xenarju soċjali aktar ekwu u armonjuż.

4.2.1. Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet

Fl-aħħar jum tal-panel, iċ-ċittadini li pparteċipaw intalbu jipprovdu l-valutazzjoni tagħhom ta' kull waħda mill-21 rakkomandazzjoni. Din hija ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati ta' dan il-vot, b'rakkomandazzjonijiet magħżula skont il-livell ta' appoġġ tagħhom.

KLAS-SIFIKAZZJONI	Nru tar-rakkomandazzjoni	Titlu tar-rakkomandazzjoni	Livell ta' appoġġ (nota medja minn 1 sa 6)	Rata ta' approvazzjoni (sehem tal-vot)
1	4	Taħriġ għat-Tolleranza (T4T)	5,23	97,7 %
2	15	It-Tixrid ta' Kultura ta' Dibattitu fl-Iskejjel Imnebbħa mill-Panel taċ-Ċittadini	5,20	89,9 %
3	1	Ewropa Waħda, Definizzjoni Waħda: Kriminalizzazzjoni tad-Diskors ta' Mibegħda	5,09	91,2 %
4	2	Protokoll Ewropew għal Rispons Effettiv għan-Notifiki ta' Reati ta' Mibegħda	5,04	90,6 %
5	18	Ħolqien ta' Panels taċ-Ċittadini Ewropej għaż-Żgħażaġħ (Etajiet 16-25) għall-Indirizzar tal-Mibegħda	5,01	89,2 %
6	16	Tisħiħ tal-Ħiliet Soċjali u Emozzjonali tat-Tfal u ż-Żgħażaġħ għall-Prevenzjoni tal-Mibegħda	5,00	90,2 %
7	3	Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Mibegħda fl-Istati Membri	5,00	87,1 %
8	5	Żieda tas-Sensibilizzazzjoni dwar il-Mibegħda u l-Miżuri u r-Rimedji Eżistenti biex tiġi Miġġielda Permezz ta' Kampanja Pubblika	4,88	89,5 %
9	17	Edukazzjoni għal Kull Ġenerazzjoni, għal Kull Nazzjon dwar il-Komunikazzjoni mhux Vjolenti	4,85	88,0 %
10	9	Affidabbiltà, Fatti u Trasparenza: Verifika u Kjarifika tal-Finanzjament tal-Infommazzjoni	4,83	80,0 %
11	19	Żvilupp ta' Servizzi Ċiviċi Volontarji fil-Komunitajiet Lokali għall-Adulti	4,77	85,5 %
12	11	Nifqgħu l-Bużżieqa: Nippromwovv Perspektivi Diversi fuq il-Media Soċjali	4,74	82,4 %
13	20	Għajnuna għar-Ritorn lejn it-Tifsira tal-Ħajja	4,72	85,6 %
14	6	Għajnuna fir-Reklami Kontra l-Mibegħda	4,68	81,8 %
15	14	Moderazzjoni bl-IA: Protezzjoni tal-Media Soċjali mid-Diskors ta' Mibegħda	4,66	79,6 %
16	21	Tfittxija tan-Nies: L-Indirizzar tal-Inugwaljanza Soċjali għall-Ġlieda kontra l-Mibegħda fl-UE	4,59	81,0 %
17	8	Stabbiliment ta' Kumitat ta' Fiducia Indipendenti	4,57	80,4 %
18	13	Karta tal-UE għan-Navigazzjoni Sikura	4,50	76,2 %
19	12	Indirizzar tal-Anonimità Online biex tiġi Miġġielda l-Mibegħda	4,48	74,5 %
20	7	Ħolqien ta' Pjattaforma għall-UE kollha li Tgħaqqad l-Infommazzjoni, ir-Riżorsi, il-Miżuri u s-Sistemi ta' Appoġġ Rigward il-Mibegħda	4,45	78,2 %
21	10	L-Ewropa Tiltqa' Miegħek: Media Parteċipattiva għaċ-Ċittadini	4,18	68,3 %



4.2.2. Harsa ġenerali lejn is-sessjonijiet

L-aġenda u s-sommarju ta' kull sessjoni jinsabu hawnhekk.

4.2.3. Konsorzju ta' kuntratturi

Il-kuntratturi ħadmu flimkien biex ifasslu u jimplimentaw din il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Panels taċ-Ċittadini Ewropej.

- Harris Interactive u Sortition Foundation: Reklutaġġ taċ-ċittadini.
- VO Europe: Komunikazzjoni, assistenza u l-aspetti organizzazzjonali kollha tat-tliet sessjonijiet.
- Tim ta' komunikazzjoni–Been There Done That, WaterBear u Scope: Strateġija ta' komunikazzjoni, inkluż il-ħolqien, it-traduzzjoni u t-tixrid ta' kontenut divers fuq il-media soċjali u l-produzzjoni ta' dokumentarju.

4.2.4. Tim ta' deliberazzjoni (Ifok u Missions Publiques)

Is-sħab tat-tim ta' deliberazzjoni ġabru l-għarfien tagħhom biex jinkonċepixxu l-proċess parteċipattiv ġenerali u l-metodoloġija għal kull sessjoni, flimkien mad-DĠ COMM. Dan wettaq ukoll il-moderazzjoni ewlenija u l-iffaċilitar tax-xogħol tal-grupp u s-sorvelja r-rapportar dwar ir-riżultati.

KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-egreb ċentru għalik online (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

Bit-telefown jew bil-miktub

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja lil dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696,
- permezz ta' din il-formola: european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_mt.

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa (european-union.europa.eu).

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tara jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE minn op.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tad-dokumentazzjoni lokali tiegħek (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1951 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex (eur-lex.europa.eu).

Data miftuħa tal-UE

Il-portal data.europa.eu jagħti aċċess għal settijiet tad-data miftuħa mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Dawn jistgħu jitniżżlu u jerġgħu jintużaw mingħajr ħlas, għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali. Il-portal jagħti aċċess ukoll għal għadd kbir ta' settijiet tad-data mill-pajjiżi Ewropej.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea